



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 10 ta' Ottubru 2023  
(OR. en)

13695/23

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2023/0349 (NLE)

---

---

ECOFIN 961  
FIN 1004  
UEM 268

#### **ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-  
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni  
tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal Spanja

---

## **DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL**

**ta'...**

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-13 ta' Lulju 2021  
dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal Spanja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza<sup>1</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 20(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

---

<sup>1</sup> ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17.

Billi:

- (1) Wara l-preżentazzjoni tal-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza (recovery and resilience plan, "RRP") minn Spanja fit-30 ta' April 2021, il-Kummissjoni pproponiet il-valutazzjoni pożittiva tagħha lill-Kunsill. Fit-13 ta' Lulju 2021, il-Kunsill approva l-valutazzjoni pożittiva permezz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni ("id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021")<sup>1</sup>.
- (2) Skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, il-kontribuzzjoni finanzjarja massima għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli ta' kull Stat Membru għandha tiġi aġġornata sat-30 ta' Ġunju 2022 f'konformità mal-metodoloġija pprovduta fih. Fit-30 ta' Ġunju 2022, il-Kummissjoni ppreżentat ir-riżultati ta' dak l-aġġornament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
- (3) Fis-6 ta' Ġunju 2023, Spanja ppreżentat l-RRP nazzjonali modifikat, inkluż il-kapitolu dwar REPowerEU f'konformità mal-Artikolu 21c tar-Regolament (UE) 2021/241, lill-Kummissjoni.
- (4) L-RRP modifikat iqis il-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata f'konformità mal-Artikolu 18(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, inkluż talba għal appoġġ fil-forma ta' self biex jiġu appoġġati riformi u investimenti addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 14(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, u jinkludi talba motivata lill-Kummissjoni biex tagħmel proposta biex id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 tiġi emendata f'konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 fuq il-bażi li l-RRP parzjalment ma għadux jista' jinkiseb minħabba ċirkostanzi oġġettivi. Iż-żidiet u l-modifiki tal-RRP ippreżentati minn Spanja jikkonċernaw 143 miżura.

---

<sup>1</sup> Araw id-dokumenti ST 10150/21 u ST 10150/21 ADD 1 REV 1 fuq <http://register.consilium.europa.eu>.

- (5) Fl-14 ta' Lulju 2023 il-Kunsill indirizza rakkomandazzjonijiet lil Spanja fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. Il-Kunsill irrakkomanda li Spanja, fost oħrajn, iżżomm l-ispinta fl-implimentazzjoni kostanti tal-RRP tagħha u tnaqqas id-dipendenza tagħha fuq il-fjuwils fossili, b'mod partikolari billi taċċellera l-użu tal-enerġija rinnovabbli, inkluż billi tissimplifika u tiddiġitalizza aktar il-proċeduri għall-għoti ta' permessi, tappoġġa l-ħidma tal-awtoritajiet tal-għoti ta' permessi, ittejjeb l-aċċess għall-grilja u tinvesti fil-ħżin tal-enerġija, fit-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-elettriku, u fl-interkonnessjonijiet transfruntieri tal-elettriku. Il-Kunsill irrakkomanda wkoll li Spanja żżid id-disponibbiltà tal-akkomodazzjoni soċjali u tal-akkomodazzjoni affordabbli u effiċjenti fl-użu tal-enerġija, inkluż permezz tar-rinnovazzjoni u filwaqt li tħaffef l-elettifikazzjoni tal-bini u d-dħul tal-elettromobbiltà u li ssaħħa lisforzi ta' politika mmirati lejn il-forniment u l-akkwist tal-ħiliet meħtieġa għat-tranżizzjoni ekoloġika.
- (6) Il-preżentazzjoni tal-RRP modifikat segwiet proċess ta' konsultazzjoni, imwettaq f'konformità mal-qafas legali nazzjonali, bl-involviment ta' awtoritajiet lokali u reġjonali, sħab soċjali, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra. Is-sommarju tal-konsultazzjonijiet ġie ppreżentat flimkien mal-RRP nazzjonali modifikat. Skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Kummissjoni vvalutat ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP modifikat, f'konformità mal-linji gwida tal-valutazzjoni stabbiliti fl-Anness V ta' dak ir-Regolament.

- (7) L-RRP modifikat ippreżentat minn Spanja jinkludi talba għall-appoġġ fil-forma ta' self biex jiġi appoġġati 27 miżura addizzjonali li jikkonsistu f'20 investiment u f'seba' riformi, mingħajr ma jinkludi dawn il-miżuri fil-kapitolu dwar REPowerEU.
- (8) B'mod partikolari, Spanja talbet appoġġ fil-forma ta' self biex tistabbilixxi 14-il strument finanzjarju biex tistimula l-investiment privat, inkluż biex tappoġġa t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali. Barra minn hekk, l-appoġġ fil-forma ta' self mitlub għandu l-għan li jżid l-ambizzjoni tal-proġetti industrijali strateġiċi fit-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali inklużi fl-RRP.
- (9) Ir-riformi li jikkorrispondu għall-appoġġ fil-forma ta' self mitlub jinkludu programm ta' miżuri għall-promozzjoni tal-provvista ta' akkomodazzjoni għall-kiri, riforma ġdida dwar il-prevenzjoni tat-telf u l-ħela tal-ikel, u riforma ġdida relatata mal-Istrateġija Nazzjonali għall-għieda kontra d-deżertifikazzjoni.
- (10) L-RRP modifikat fih miżuri ġodda taħt il-komponenti 1 (Mobbiltà sostenibbli, sikura u konnessa f'ambjenti urbani u metropolitani), 2 (Effiċjenza enerġetika), 3 (Settur agroalimentari u sajd), 4 (Ekosistemi), 5 (Kosta u riżorsi tal-ilma), 6 (Trasport fuq distanza twila), 11 (Amministrazzjoni pubblika), 12 (Industrija), 13 (SMEs), 15 (Konnettività diġitali), 17 (Xjenza, teknoloġija u innovazzjoni), 22 (Ekonomija tal-kura, ugwaljanza u inklużjoni), 25 (Settur awdjoviżiv) u 28 (Sistema tat-taxxa). Xi wħud minn dawn il-miżuri l-ġodda jibnu fuq il-miżuri eżistenti inklużi fl-RRP inizjali.

- (11) Fil-komponent 1, dawn il-miżuri jikkonċernaw riforma ġdida biex jiġu stabbiliti Żoni b'Emissjonijiet Baxxi fil-muniċipalitajiet b'aktar minn 50 000 abitant u f'territorji insulari.
- (12) Fil-komponent 2, dawn il-miżuri jikkonċernaw investiment pubbliku f'faċilità għall-promozzjoni ta' akkomodazzjoni soċjali, sabiex jinċentivaw l-investiment privat u jtejjbu l-aċċess għall-finanzjament għall-kostruzzjoni u r-rinnovazzjoni ta' akkomodazzjonijiet soċjali u affordabbli effiċjenti fl-enerġija u riforma ġdida li tikkonsisti f'emenda tal-Liġi dwar ir-Riabilitazzjoni Urbana u tal-Art li tgħin biex jitħaffu l-proċeduri tal-ippjanar assoċjati mal-azzjonijiet ta' riabilitazzjoni tal-bini u l-kostruzzjoni ta' akkomodazzjonijiet soċjali, kif ukoll il-pubblikazzjoni ta' gwida b'rakkomandazzjonijiet u bl-aħjar prattiki biex jiġu ssimplifikati u jitħaffu l-proċeduri ta' liċenzjar tal-ippjanar urban.
- (13) Fil-komponent 3, dawn il-miżuri jikkonċernaw riforma ġdida dwar il-prevenzjoni tat-telf u l-ħela tal-ikel, riforma ġdida biex tittejjeb il-ġestjoni tal-politiki agrikoli u tal-bhejjem u investiment li jibni fuq miżura eżistenti biex jettejjbu l-effiċjenza u s-sostenibbiltà fl-irrigazzjoni. Dan jibni fuq l-investiment eżistenti 1 (Pjan biex jettejjbu l-effiċjenza u s-sostenibbiltà fl-irrigazzjoni) tal-komponent 3 (Trasformazzjoni ambjentali u diġitali tas-sistema agroalimentari u tas-sajd).
- (14) Fil-komponent 4, din il-miżura tikkonċerna riforma ġdida relatata mal-adozzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali għall-Ġlida kontra d-Deżertifikazzjoni.
- (15) Fil-komponent 5, dawn il-miżuri jikkonċernaw investiment ġdid għall-irkupru tal-akwifer u investiment ġdid għad-diġitalizzazzjoni tal-użi tal-ilma fiċ-ċiklu tal-ilma urban u fis-settur industrijali.

- (16) Fil-komponent 6, il-miżura tikkonċerna riforma ġdida li tikkonsisti fil-pubblikazzjoni tal-Istrateġija għall-Effiċjenza Enerġetika fin-Network tat-Toroq tal-Istat u fil-kalkolu tal-impronta tal-karbonju għas-sena 2024, bħala segwitu għall-Istrateġija.
- (17) Fil-komponent 11, din il-miżura tikkonċerna investiment ġdid b'żewġ elementi: it-tisħiħ tal-kapaċitajiet taċ-ċibersigurtà tal-amministrazzjoni pubblika u investiment pubbliku f'faċiltà biex ikun inċentivat l-investiment privat u jittejjeb l-aċċess għall-finanzjament fis-setturi tas-sigurtà, tad-difiża, tal-ajrunawtika u tal-ispazju ta' Spanja.
- (18) Fil-komponent 12, din il-miżura tikkonċerna investiment ġdid fi skema ta' appoġġ biex tappoġġa proġetti strateġiċi fil-katina tal-valur tal-karozzi elettriċi u s-settur agroalimentari fil-forma ta' self.

- (19) Fil-komponent 13, dawn il-miżuri jikkonċernaw l-investiment pubbliku fi tmien Faċilitajiet ġodda biex jinċentivaw l-investiment privat u jtejbju l-aċċess għall-finanzi: fond biex jittejjeb l-aċċess għall-finanzi għas-settur privat u għall-unitajiet domestiċi fl-oqsma tat-trasport sostenibbli inklużi l-ferroviji, l-effiċjenza enerġetika, l-enerġija rinnovabbli (inkluż il-ħżin tal-enerġija u n-network tal-elettriku), id-dekarbonizzazzjoni industrijali u l-ktajjen tal-provvista industrijali b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, il-ġestjoni tal-ilma, l-ekonomija ċirkolari u l-adattament għat-tibdil fil-klima; fond biex jittejjeb l-aċċess għall-finanzi għall-intrapriżi u l-imprendituri, għall-universitajiet pubbliċi u privati għal proġetti relatati mad-diġitalizzazzjoni u għas-settur tat-turiżmu; strument finanzjarju li jipprovdi inċentivi għal fondi u għal kumpaniji fis-settur teknoloġiku; strument finanzjarju biex isir koinvestiment fi Spanja ma' investituri istituzzjonali barranin f'attivitajiet ekonomiċi strateġiċi marbuta mat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali; strument finanzjarju li appoġġa s-solvenza tal-intrapriżi strateġiċi affettwati waqt il-pandemija tal-COVID-19; strument finanzjarju li appoġġa s-solvenza tal-kumpaniji ta' daqs medju waqt il-pandemija tal-COVID-19, skema ta' garanzija mill-ġdid biex tappoġġa l-aċċess għall-finanzjament għall-SMEs; strument finanzjarju li jipprovdi appoġġ finanzjarju għall-investimenti privati u pubbliċi fir-regġuni ta' Spanja; u strument finanzjarju li jipprovdi appoġġ finanzjarju lill-SMEs għal proġetti innovattivi u proġetti relatati mat-teknoloġija lingwistika.
- (20) Fil-komponent 15, din il-miżura tikkonċerna investiment ġdid fil-forma ta' investiment pubbliku f'faċilità biex jiġi inċentivat l-investiment privat u jittejjeb l-aċċess għall-finanzi fl-industrija tas-semikondutturi.

- (21) Fil-komponent 17, din il-miżura tikkonċerna investiment pubbliku biex jitlejjeb l-aċċess għall-finanzi fis-setturi tas-saħħa u tal-ajruspazju. L-investiment jinkludi wkoll azzjonijiet għall-investiment fil-kapital ta' riskju ta' kumpaniji bbażati fuq it-teknoloġija jew innovattivi fis-settur tas-saħħa.
- (22) Fil-komponent 22, dawn il-miżuri jikkonċernaw riforma ġdida għal Liġi ġdida dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi u l-utenti kontra sitwazzjonijiet ta' vulnerabbiltà soċjali u ekonomika, investiment ġdid li jikkonsisti f'investiment pubbliku f'faċilità sabiex jiġi inċentivat l-investiment privat u jitlejjeb l-aċċess għall-finanzjament fi proġetti b'impatt soċjali jew ambjentali li jista' jitlejjeb, li jikkontribwixxu għal soluzzjonijiet soċjali u ambjentali.
- (23) Fil-komponent 25, dawn il-miżuri jikkonċernaw investiment ġdid għad-diġitalizzazzjoni u t-tixrid ta' kontenut u informazzjoni mill-media bil-lingwa Spanjola u l-lingwi koeffiċjali, kif ukoll investiment ġdid fil-forma ta' investiment pubbliku f'faċilità biex jiġi inċentivat l-investiment privat u jitlejjeb l-aċċess għall-finanzjament fis-settur awdjoviżiv.
- (24) Fil-komponent 28, din il-miżura tikkonċerna investiment li jibni fuq żewġ miżuri eżistenti li jikkonsistu fi skemi ta' inċentivi tat-taxxa li jippromwovu xogħlijiet ta' rinnovazzjoni fil-bini li jtejbu l-effiċjenza enerġetika u li jappoġġaw ix-xiri ta' vetturi elettriċi u punti tal-iċċarġjar. Din il-miżura tibni fuq l-investiment eżistenti 2 (Skema ta' inċentiv għall-installazzjoni ta' punti tal-iċċarġjar, ix-xiri ta' vetturi elettriċi u taċ-ċelloli tal-fjuwil u l-innovazzjoni fl-elettromobbiltà) tal-komponent 1 (Mobbiltà Sostenibbli, Sikura u Konnessa fl-Ambjent Urban u Metropolitan). Din il-miżura tibni wkoll fuq l-investiment eżistenti 1 (Programm ta' riabilitazzjoni għall-irkupru ekonomiku u soċjali f'residenzi) tal-komponent 2 (Implimentazzjoni tal-Aġenda Urbana Spanjola: Pjan ta' Riabilitazzjoni u Riġenerazzjoni Urbana).

- (25) L-RRP modifikat ippreżentat minn Spanja, minbarra l-kapitolu dwar REPowerEU, jaġġorna 32 miżura, li jikkonsistu fi 23 investiment u f'disa' riformi, biex jittieħed kont tal-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata. Spanja spjegat li minħabba li l-kontribuzzjoni finanzjarja massima żdiedet<sup>1</sup>, hija talbet li tuża r-riżorsi addizzjonali disponibbli biex: tibdel il-miżuri eżistenti sabiex iżżid il-livell ta' implimentazzjoni meħtieġa apparagun tal-pjan oriġinali; iżżid miżuri ġodda; u tuża l-kontribuzzjoni finanzjarja li jifdal biex tikkontribwixxi għall-kapitolu dwar REPowerEU.
- (26) L-RRP modifikat fih miżuri ġodda taħt il-komponenti 12 (Industrija), 13 (SMEs), 15 (Konnettività diġitali), u 21 (Edukazzjoni). Dawn il-miżuri jikkonċernaw investiment biex tiġi appoġġata l-industrija tas-semikondutturi kif ukoll investiment biex tissaħħaħ l-ekosistema xjentifika u teknoloġika tal-industrija tas-semikondutturi; riforma biex tiġi riveduta l-Liġi dwar is-Swieq tat-Titoli u s-Servizzi ta' Investiment biex jittejjeb l-aċċess għall-finanzi għall-SMEs u għal dawk li jaħdmu għal rashom; skema li tappoġġa l-ekonomija ċirkolari f'setturi ewlenin tal-ekonomija Spanjola; skema li tappoġġa proġetti strateġiċi fil-katina tal-valur tal-karozzi elettriċi; u investiment biex tiġi żviluppata strateġija għall-forniment ta' mikrokredenzjali mis-sistema universitarja.

---

<sup>1</sup> Dan l-ammont jikkorrispondi għall-allokazzjoni finanzjarja wara li jitnaqqas is-sehem proporzjonali ta' Spanja tal-ispejjeż tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, ikkalkulat skont il-metodoloġija tal-Artikolu IVa ta' dak ir-Regolament.

- (27) Barra minn hekk, l-RRP modifikat ippreżentat minn Spanja jibdel il-miżuri taħt il-komponenti 1 (Mobilità Sostenibbli, Sikura u Konnessa fl-Ambjent Urban u Metropolitan) 3 (Settur Agroalimentari u sajd), 5 (Kosta u riżorsi tal-ilma), 11 (Amministrazzjoni pubblika), 12 (Industrija), 13 (SMEs), 16 (Intelliġenza Artifiċjali), 17 (Xjenza, teknoloġija u innovazzjoni), 18 (Sistema tas-saħħa), u 22 (Ekonomija tal-kura, ugwaljanza u inklużjoni) biex tkun riflessa l-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata. B'mod partikolari, il-miżuri li ġejjin huma mmodifikati biex jiżdied il-livell ta' implimentazzjoni meħtieġ apparagun tal-RRP oriġinali, biex tkun riflessa ż-żieda fl-allokazzjoni: ir-riforma 2 (Liġi dwar il-Mobilità Sostenibbli) taħt il-komponent 1 (Pjan ta' Xokk għall-mobilità sostenibbli, sikura u konnessa fl-Ambjent Urban u Metropolitan); ir-riforma 2 (Żvilupp u rieżami tal-qafas regolatorju għas-sostenibbiltà ambjentali tat-trobbija tal-bhejjem), u l-investment 1 (Pjan biex jittejbu l-effiċjenza u s-sostenibbiltà fl-irrigazzjoni), taħt il-komponent 3 (Trasformazzjoni ambjentali u diġitali tas-sistema agroalimentari u tas-sajd); l-investment 1 (Implimentazzjoni ta' azzjonijiet ta' trattament, sanità, effiċjenza, iffrankar, użu mill-ġdid u sikurezza tal-infrastruttura), l-investment 2 (Monitoraġġ u restawr tal-ekosistemi tax-xmajjar, irkupru tal-akwifer u mitigazzjoni tar-riskju ta' għargħar) u l-investment 3 (Tranżizzjoni diġitali fis-settur tal-ilma (Infurzar Ambjentali Diġitali)) u l-investment 4 (Adattament tal-kosta għat-tibdil fil-klima, u l-implimentazzjoni ta' Strateġiji Marittimi u Pjanijiet ta' Ppjanar Spazjali Marittimu) taħt il-komponent 5 (Kosta u riżorsi tal-ilma); ir-riforma 1 (Riforma għall-modernizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni), ir-riforma 3 (Riforma biex tiġi mmodernizzata l-arkitettura istituzzjonali tal-governanza ekonomika), u l-investment 3 (Trasformazzjoni diġitali u modernizzazzjoni tal-Ministeru tal-Politika Territorjali u tas-Servizz Ċivili u tal-amministrazzjoni tal-Komunitajiet Awtonomi u l-awtoritajiet lokali) taħt il-komponent 11 (Amministrazzjoni Pubblika);

ir-riforma 2 (Politika dwar l-iskart u spinta lill-ekonomija ċirkolari), l-investment 3 (RRP għall-appoġġ tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar l-iskart u l-promozzjoni tal-ekonomija ċirkolari) taħt il-komponent 12 (Industrija); ir-riforma 1 (Titjib tar-regolamentazzjoni tan-negozju u l-klima) u r-riforma 2 (Strateġija għal Spanja bħala nazzjon intraprenditorjali) taħt il-komponent 13 (SMEs); ir-riforma 1 (Strateġija Nazzjonali għall-Intelliġenza Artifiċjali) taħt il-komponent 16 (Intelliġenza Artifiċjali); l-investment 2 (Tisħiħ tal-kapaċità, infrastruttura u tagħmir tas-Sistema tal-Istat għax-Xjenza, it-Teknoloġija u l-Innovazzjoni), l-investment 3 (Proġetti ġodda privati, interdixxiplinari, pubbliċi tar-RŻI, testijiet kunċettwali u l-għoti ta' għajnuna bħala riżultat ta' sejħiet kompetittivi internazzjonali. Riċerka u żvilupp mill-aktar avvanzati immirati lejn l-isfidi tas-soċjetà. (Akkwist pubbliku pre-kummerċjali), l-investment 4 (Karriera xjentifika ġdida), l-investment 6 (Saħħa), u l-investment 9 (Ajrupazju) taħt il-komponent 17 (Xjenza, teknoloġija u innovazzjoni); l-investment 4 (Taħriġ) u l-investment 5 (Pjan għar-razzjonalizzazzjoni tal-konsum tal-farmaċewtiċi) taħt il-komponent 18 (Sistemi tas-Saħħa); u l-investment 1 (Pjan ta' kura fit-tul u appoġġ: id-deistituzzjonalizzazzjoni, it-tagħmir u t-teknoloġija), l-investment 2 (Pjan għall-Modernizzazzjoni tas-Servizzi Soċjali - Trasformazzjoni teknoloġika, innovazzjoni, taħriġ u tisħiħ tal-indukrar tat-tfal), l-investment 3 (Pjan ta' Spanja għall-Aċċessibbiltà fil-Pajjiż) u l-investment 4 (Pjan ta' Spanja għall-protezzjoni mill-vjolenza abbażi tal-ġeneru) taħt il-komponent 22 (Pjan ta' Azzjoni għall-Ekonomija tal-Kura, Politiki għat-Tisħiħ tal-Ugwaljanza u l-Inklużjoni).

- (28) Fil-komponent 1, din il-miżura tikkonċerna ż-żieda fil-livell ta' ambizzjoni apparagun tal-RRP inizjali tar-riforma eżistenti b'żewġ submiżuri ġodda dwar l-iżvilupp ta' applikazzjoni tas-software biex jitwettqu analiżijiet tal-kostijiet u l-benefiċċji għall-investimenti fl-infrastruttura, u l-operazzjonalizzazzjoni ta' ambjent ta' esperimentazzjoni regulatorju biex jiġu ffaċilitati l-innovazzjonijiet fil-mobbiltà u t-trasport biex jaslu fis-suq.

- (29) Fil-komponent 3, dawn il-miżuri jikkonċernaw iż-żieda fil-livell ta' ambizzjoni meta mqabbla mal-RRP inizjali tar-riforma eżistenti dwar il-qafas regolatorju għas-sostenibbiltà ambjentali tat-trobbija tal-bhejjem billi tittejjeb il-bijosigurtà tat-trasport tal-bhejjem u l-użu sostenibbli tal-antibijotiċi fl-ispeċi tal-bhejjem u tal-investment eżistenti biex jittejbu l-effiċjenza u s-sostenibbiltà fl-irrigazzjoni billi jiżdied l-għadd ta' ettari li għandhom jiġu modernizzati.
- (30) Fil-komponent 5, dawn il-miżuri jikkonċernaw iż-żieda fil-livell ta' ambizzjoni tal-investment eżistenti dwar it-trattament, is-sanità, l-effiċjenza, l-iffrankar, l-użu mill-ġdid u s-sikurezza tal-infrastruttura billi jittejbu l-infrastrutturi tat-trattament tal-ilma u tal-ilma mormi, tal-investment eżistenti għall-monitoraġġ u r-restawr tal-ekosistemi tax-xmajjar, l-irkupru tal-akwifer u l-mitigazzjoni tar-riskju ta' għargħar billi jiġu promossi azzjonijiet għall-irkupru tal-akwifer, tal-investment eżistenti fit-tranżizzjoni diġitali fis-settur tal-ilma billi tiġi appoġġata d-diġitalizzazzjoni tal-utenti tal-ilma u tal-investment eżistenti relatat mal-adattament tal-kosta għat-tibdil fil-klima billi jiżdied l-għadd ta' kilometri ta' kosta għar-restawr.
- (31) Fil-komponent 11, dawn il-miżuri jikkonċernaw iż-żieda fil-livell ta' ambizzjoni meta mqabbla mal-RRP inizjali tar-riforma eżistenti dwar il-modernizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni, jiġifieri permezz ta' liġi ġdida dwar it-Trasparenza u l-Integrità tal-Gruppi ta' Interess u l-aġġornament tal-Qafas tas-Sigurtà Nazzjonali; u tar-riforma eżistenti biex tiġi mmodernizzata l-arkitettura istituzzjonali tal-governanza ekonomika, jiġifieri permezz ta' liġi dwar is-servizzi għall-klijenti u l-pubblikazzjoni ta' ktieb ekoloġiku għall-promozzjoni tal-finanzi sostenibbli. Dan jinkludi wkoll iż-żieda fil-livell ta' ambizzjoni apparagun tal-RRP inizjali ta' investment fit-trasformazzjoni diġitali tal-amministrazzjoni pubblika biex jiġu introdotti Pjanijiet għall-Kura Diġitali Personali.

- (32) Fil-komponent 12, dawn il-miżuri jikkonċernaw iż-żieda fil-livell ta' ambizzjoni meta mqabbla mal-RRP inizjali tar-riforma eżistenti dwar il-politika dwar l-iskart u l-ekonomija ċirkolari, jiġifieri li tittejjeb il-koordinazzjoni bejn il-livelli differenti ta' organizzazzjoni u kompetenza fl-immaniġġjar tal-iskart biex tittejjeb l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni u jsir progress fit-tnaqqis tal-ġenerazzjoni tal-iskart, kif ukoll biex jittejjeb l-immaniġġjar tal-iskart li l-ġenerazzjoni tiegħu ma tistax tiġi evitata; u tal-investiment eżistenti fl-ekonomija ċirkolari biex jittejjeb it-trattament tal-iskart muniċipali. Dawn il-miżuri jsaħħu wkoll il-kapaċità tad-disinn u tal-manifattura tal-industrija tas-semikondutturi fi Spanja u jistabbilixxu skema ta' sussidju biex jiġu appoġġati l-proġetti strateġiċi fil-katina tal-valur tal-karozzi elettriċi permezz ta' għotjiet; u l-promozzjoni tal-ekonomija ċirkolari fi tliet setturi importanti tal-ekonomija: it-tessuti u l-moda, il-plastik u t-tagħmir tal-enerġija rinnovabbli.
- (33) Fil-komponent 13, dawn il-miżuri jikkonċernaw iż-żieda fil-livell ta' ambizzjoni apparagun tal-RRP inizjali tar-riforma eżistenti biex jittejjbu r-regolamentazzjoni u l-klima tan-negozju, jiġifieri billi jiġu emendati l-liġi tal-kompetizzjoni u r-regolamenti tagħha, u tar-riforma għall-promozzjoni tal-intraprenditorija Spanjola, jiġifieri billi jiġu ssimplifikati l-proċeduri tal-migrazzjoni għall-ħaddiema.
- (34) Fil-komponent 16, din il-miżura tikkonċerna ż-żieda fil-livell ta' ambizzjoni apparagun tal-RRP inizjali tar-riforma dwar l-istrateġija għall-Intelliġenza Artifiċjali, jiġifieri billi tistabbilixxi awtorità nazzjonali għall-Intelliġenza Artifiċjali u tkompli tappoġġa r-riċerka u l-iżvilupp f'teknoloġiji ġodda taċ-ċippa kwantistika.

- (35) Fil-komponent 17, dawn il-miżuri jikkonċernaw iż-żieda fil-livell ta' ambizzjoni apparagun tal-RRP inizjali tal-investment eżistenti dwar it-Tisħiħ tal-kapaċità, l-infrastruttura u t-tagħmir tas-Sistema tal-Istat għax-Xjenza, it-Teknoloġija u l-Innovazzjoni, jiġifieri billi jsir investment fir-RŻI fil-qasam tas-semikondutturi u l-mikroelettronika u jissaħħu l-kapaċitajiet fil-qasam tas-semikondutturi assoċjati mas-supercomputing. Il-miżuri jkomplu jżidu l-ambizzjoni tal-investment eżistenti fi proġetti ġodda privati, interdixxiplinari u pubbliċi tar-RŻI, f'testijiet kunċettwali u, l-għoti ta' għajnuna bħala riżultat ta' sejħiet kompetittivi internazzjonali, jiġifieri billi jiġu appoġġati proġetti tar-Riċerka u l-Iżvilupp fil-qasam tas-semikondutturi fl-istadji bikrija tal-iżvilupp prekompetittivi. Il-miżuri jżidu wkoll l-ambizzjoni tal-investment eżistenti f'karrieri xjentifiċi ġodda billi jiffinanzjaw pakkett tal-bidu tar-riċerka fil-qasam tal-mikroelettronika u s-semikondutturi. Il-miżuri jżidu l-ambizzjoni tal-investment eżistenti fis-saħħa, jiġifieri billi jappoġġaw il-parteċipazzjoni ta' Spanja fi proġetti multinazzjonali tar-RŻI. Huma jappoġġaw ukoll ir-riċerka u l-iżvilupp marbuta mad-dijanjożi ta' mard rari, il-mediċina personalizzata ta' preċiżjoni, l-iżvilupp ta' pjattaforma għall-proteomika u metabolomika, l-espansjoni u t-titjib tal-infrastruttura tal-bijomonitoraġġ uman u t-titjib ta' unitajiet ta' riċerka klinika orjentati lejn il-pazjenti. Fl-aħħar nett, il-miżuri jżidu wkoll l-ambizzjoni tal-investment eżistenti fl-Ajruspazju, jiġifieri b'finanzjament fir-RŻI, b'aġġornament fil-kapaċitajiet produttivi, bid-diġitalizzazzjoni u t-teknoloġija, u bit-teknoloġiji ekoloġiċi li jikkontribwixxu għas-sostenibbiltà tas-settur ajruspazjali.

- (36) Fil-komponent 18, dawn il-miżuri jikkonċernaw iż-żieda fil-livell ta' ambizzjoni apparagun tal-RRP inizjali tal-investment eżistenti dwar it-taħriġ tal-professjonisti tas-saħħa, biex tingħata spinta lill-appoġġ għat-trattament ta' mard rari u tal-investment eżistenti dwar is-sostenibbiltà tal-prodotti farmaċewtiċi, jiġifieri l-espansjoni tal-kapaċità biex jiġi pprovdut ittestjar ġenomiku fis-sistema tas-saħħa nazzjonali.
- (37) Fil-komponent 22, dawn il-miżuri jikkonċernaw il-modifika tal-RRP inizjali ta' erba' investimenti eżistenti fejn intalab finanzjament addizzjonali biex jiġu appoġġati l-oqsma tal-kura fit-tul, il-modernizzazzjoni tas-servizzi tal-kura, l-aċċessibbiltà u l-vjolenza abbażi tal-ġeneru.

Emendi bbażati fuq l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241

- (38) L-emendi tal-RRP ippreżentati minn Spanja minħabba ċirkostanzi oġġettivi jikkonċernaw 52 miżura.

- (39) Spanja spjegat li 15-il miżura ma għadhomx jistgħu jinkisbu fl-iskeda ta' żmien prevista fl-RRP oriġinali minħabba restrizzjonijiet min-naħa tal-provvista ta' natura differenti, li kkombinati f'xi każijiet ma' inflazzjoni għolja, dewmu l-implimentazzjoni tagħhom jew affettwaw l-ambizzjoni oriġinali tagħhom. Dan jikkonċerna l-mira bin-numru sekwenzjali 49 tal-miżura I2 (l-investment: Pjan biex tingħata spinta lis-sostenibbiltà u l-kompetittività tal-agrikoltura u t-trobbija tal-bhejjem (I): Il-modernizzazzjoni tal-laboratorji tas-saħħa tal-annimali u tal-pjanti) u l-istadju importanti bin-numru sekwenzjali 55 tal-miżura I6 (Pjan għall-promozzjoni tas-sostenibbiltà, ir-riċerka, l-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni fis-settur tas-sajd (I): Il-Modernizzazzjoni tan-network ta' riżervi tal-baħar ta' interess għas-sajd) taħt il-komponent 3 (Trasformazzjoni ambjentali u diġitali tas-sistema agroalimentari u tas-sajd); il-mira bin-numru sekwenzjali 142 tal-miżura I1 (l-investment: Investment fit-Tranżizzjoni Ġusta) taħt il-komponent 10 (Tranżizzjoni Ġusta); il-mira bin-numru sekwenzjali 238 tal-miżura I2 (l-investment: It-tisħiħ tal-konnettività f'ċentri ta' referenza, xpruni soċjoekonomiċi u proġetti ta' diġitalizzazzjoni settorjali) taħt il-komponent 15 (Konnettività diġitali); il-mira bin-numru sekwenzjali 240 tal-miżura I4 (l-investment: Tiġdid u sostenibbiltà tal-infrastruttura) taħt il-komponent 15 (Konnettività diġitali); l-istadji importanti bin-numru sekwenzjali 243 u 244 tal-miżura I6 (l-investment: L-użu tal-5G: networks, bidla teknoloġika u innovazzjoni) taħt il-komponent 15 (Konnettività diġitali); l-istadju importanti bin-numru sekwenzjali 269 tal-miżura I7 (l-investment: L-ambjent, it-tibdil fil-klima u l-enerġija) taħt il-komponent 17 (Xjenza, teknoloġija u innovazzjoni); il-mira bin-numru sekwenzjali 309 tal-miżura I1 (l-investment: Il-promozzjoni tal-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal (ECEC)) taħt il-komponent 21 (Modernizzazzjoni u diġitalizzazzjoni tal-edukazzjoni, inkluża l-edukazzjoni bikrija 0–3); il-mira bin-numru sekwenzjali 323 tal-miżura I1 (l-investment: Pjan ta' kura fit-tul u ta' appoġġ: id-deistituzzjonalizzazzjoni, it-tagħmir u t-teknoloġija) taħt il-komponent 22 (Pjan ta' azzjoni għall-ekonomija tal-kura, it-tisħiħ tal-politiki dwar l-ugwaljanza u l-inklużjoni);

l-istadju importanti bin-numru sekwenzjali 325 tal-miżura I2 (l-investment: Pjan għall-Modernizzazzjoni tas-Servizzi Soċjali - Trasformazzjoni teknoloġika, innovazzjoni, taħriġ u tisħiħ tal-indukrar tat-tfal) taħt il-komponent 22 (Pjan ta' azzjoni għall-ekonomija tal-kura, it-tisħiħ tal-politiki tal-ugwaljanza u l-inklużjoni); il-mira bin-numru sekwenzjali 326 tal-miżura I3 (l-investment: Pjan ta' Spanja għall-Aċċessibbiltà fil-Pajjiż) taħt il-komponent 22 (Pjan ta' azzjoni għall-ekonomija tal-kura, it-tisħiħ tal-politiki dwar l-ugwaljanza u l-inklużjoni); il-mira bin-numru sekwenzjali 327 tal-miżura I4 (l-investment: Pjan ta' Spanja għall-protezzjoni mill-vjolenza abbażi tal-ġeneru) taħt il-komponent 22 (Pjan ta' azzjoni għall-ekonomija tal-kura, it-tisħiħ tal-politiki dwar l-ugwaljanza u l-inklużjoni); il-mira bin-numru sekwenzjali 328 tal-miżura I5 (l-investment: Iż-żieda tal-kapaċità u l-effiċjenza tas-sistema ta' akkoljenza għall-migranti u l-applikanti tal-protezzjoni internazzjonali) taħt il-komponent 22 (Pjan ta' azzjoni għall-ekonomija tal-kura, it-tisħiħ tal-politiki dwar l-ugwaljanza u l-inklużjoni); il-mira bin-numru sekwenzjali 347 tal-miżura I5 (l-investment: Il-governanza u t-tisħiħ tal-politiki għall-appoġġ tal-attivazzjoni) taħt il-komponent 23 (Politiki pubbliċi ġodda għal suq tax-xogħol dinamiku, reżiljenti u inklużiv); u l-mira bin-numru sekwenzjali 370 u bin-numru sekwenzjali 372 tal-miżura I1 (l-investment: Pjan diġitali għall-isport) taħt il-komponent 26. Abbażi ta' dan, Spanja talbet li l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tal-istadji importanti u l-miri msemminja hawn fuq tiġi estiża. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan. Għall-istadju importanti bin-numru sekwenzjali 55 tal-miżura I6 taħt il-komponent 3, Spanja talbet li jiġihassar dan ir-rekwiżit peress li ma jistax jinkiseb fl-iskeda ta' żmien prevista fl-RRP oriġinali minħabba restrizzjonijiet min-naħa tal-provvista u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.

- (40) Spanja spjegat li seba' miżuri ma għadhomx jistgħu jinkisbu fl-iskeda ta' żmien prevista fl-RRP oriġinali minħabba li n-nuqqas ta' domanda li jirriżulta minn inflazzjoni għolja jew il-kuntest ekonomiku inċert ipprovokat mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna qed idewwem l-implimentazzjoni tagħhom. Dan jikkonċerna submiżura tal-istadju importanti bin-numru sekwenzjali 2 tal-miżura R2 (Liġi dwar il-mobbiltà sostenibbli) taħt il-komponent 1, il-mira bin-numru sekwenzjali 27 tal-miżura I1 (l-investment: Programm ta' riabilitazzjoni għall-irkupru ekonomiku u soċjali f'ambjenti residenzjali) taħt il-komponent 2 (Implimentazzjoni tal-Aġenda Urbana Spanjola: pjan ta' riabilitazzjoni u riġenerazzjoni urbana). il-mira bin-numru sekwenzjali 50 tal-miżura I3 (l-investment: Pjan biex tingħata spinta lis-sostenibbiltà u l-kompetittività tal-agrikoltura u t-trobbija tal-bhejjem (II): it-tisħiħ tal-bini tal-kapaċità u tas-sistemi ta' bijosigurtà f'nurseries, ċentri ta' tindif u diżinfekzjoni) taħt il-komponent 3 (Trasformazzjoni Ambjentali u Diġitali tas-sistema agroalimentari u tas-sajd); il-mira bin-numru sekwenzjali 78 tal-miżura I2 (l-investment: Il-monitoraġġ u r-restawr tal-ekosistemi tax-xmajjar, l-irkupru tal-akwifer u l-mitigazzjoni tar-riskju ta' għargħar) taħt il-komponent 5 (Riżorsi tal-kosta u tal-ilma); il-mira bin-numru sekwenzjali 141 tal-miżura I1 (l-investment: Investment fit-Tranżizzjoni Ġusta) taħt il-komponent 10 (Tranżizzjoni Ġusta); il-miri bin-numru sekwenzjali 193 u 195 tal-miżura I1 (l-investment: Intraprenditorija) taħt il-komponent 13 (Appoġġ għall-SMEs); il-miri bin-numru sekwenzjali 204 u 208 tal-miżura I3 (l-investment: Id-diġitalizzazzjoni u l-Innovazzjoni) taħt il-komponent 13 (Appoġġ għall-SMEs). Abbażi ta' dan, Spanja talbet li l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tal-istadji importanti u l-miri msemmija hawn fuq tiġi estiża. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

- (41) Spanja spjegat li erba' miżuri ma għadhomx jistgħu jinkisbu fl-iskeda ta' żmien prevista fl-RRP oriġinali minħabba li Spanja kkonkludiet li, sabiex jintlaħqu l-oġettivi ta' politika tal-miżura, huma meħtieġa adattamenti addizzjonali tal-qafas legali u dawk l-adattamenti ma setgħux jiġu ffinalizzati fl-iskeda ta' żmien tal-implimentazzjoni inizjali. Dan jikkonċerna l-mira bin-numru sekwenzjali 197 tal-miżura I2 (l-investment: Tkabbir) taħt il-komponent 13 (Appoġġ għall-SMEs); L-istadju importanti bin-numru sekwenzjali 281 tal-miżura I3 (l-investment: Żieda fil-kapaċitajiet ta' rispons għall-kriżijiet tas-saħħa) taħt il-komponent 18 (Ir-rinnovazzjoni u l-estensjoni tal-kapaċitajiet tas-sistema tas-saħħa nazzjonali); il-mira bin-numru sekwenzjali 288 tal-miżura I1 (l-investment: Ħiliet diġitali trasversali) taħt il-komponent 19 (Ħiliet diġitali); il-mira bin-numru sekwenzjali 290 tal-miżura I2 (l-investment: Trasformazzjoni diġitali tal-edukazzjoni) taħt il-komponent 19 (Ħiliet diġitali); il-mira bin-numru sekwenzjali 292 tal-miżura I3 (l-investment: Ħiliet diġitali għall-impjiegi) taħt il-komponent 19 (Ħiliet diġitali); u l-mira bin-numru sekwenzjali 349 tal-miżura I6 (l-investment: Proġetti tal-ekonomija soċjali lesti) taħt il-komponent 23 (Politiki pubbliċi ġodda għal suq tax-xogħol dinamiku, reżiljenti u inklużiv). Abbażi ta' dan, Spanja talbet li l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tal-istadji importanti u l-miri msemmija hawn fuq tiġi estiża. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

- (42) Spanja spjegat li tliet miżuri ma għadhomx jistgħu jinkisbu fl-iskeda ta' żmien prevista fl-RRP oriġinali, peress li huwa meħtieġ aktar żmien biex jittiehded kont tal-adozzjoni ta' proċeduri ġodda, taċ-ċirkostanzi xprunati mid-domanda jew tal-adattament tal-qafas amministrattiv biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni. Dan jikkonċerna l-mira bin-numru sekwenzjali 220 tal-miżura I1 (l-investment: Trasformazzjoni tal-mudell tat-turiżmu lejn is-sostenibbiltà) taħt il-komponent 14 (Turiżmu); il-mira bin-numru sekwenzjali 239 tal-miżura I3 (l-investment: Vawċers għall-konnettività għall-SMEs u l-gruppi vulnerabbli) taħt il-komponent 15 (Konnettività diġitali); u l-miri bin-numru sekwenzjali 241 u 242 tal-miżura I5 (l-investment: L-użu ta' infrastruttura diġitali transfruntiera) taħt il-komponent 15 (Konnettività diġitali). Abbażi ta' dan, Spanja talbet li l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tal-miri msemmija hawn fuq tiġi estiża. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (43) Spanja spjegat li miżura ma għadhiex tista' tinkiseb fl-iskeda ta' żmien prevista fl-RRP oriġinali minħabba li l-istrumenti legali biex tinkiseb il-miżura kellhom jiġu emendati peress li diskrepanza fil-livell ta' ambizzjoni bejn l-RRP oriġinali u l-Anness tas-CID kienet wasslet lil Spanja biex tissottovaluta l-għadd ta' sejħiet meħtieġa biex jintlaħaq il-livell ta' ambizzjoni meħtieġ. Dan jikkonċerna l-mira bin-numru sekwenzjali 119 tal-miżura I2 (l-investment: L-enerġija sostenibbli fil-gżejjer) taħt il-komponent 7 (Użu u integrazzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli). Abbażi ta' dan, Spanja talbet li l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tal-mira msemmija hawn fuq tiġi estiża. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

- (44) Spanja spjegat li tliet miżuri ma għadhomx jistgħu jinkisbu fl-iskeda ta' żmien prevista fl-RRP oriġinali minħabba li hemm bżonn li jsiru proċeduri preparatorji itwal milli kien ippjanat, li jwasslu biex jintlaħqu aktar l-oġettivi ta' politika tal-miżura 3, u dan jirrigwarda l-mira bin-numru sekwenzjali 111 tal-miżura R3 (ir-riforma: L-iżvilupp ta' komunitajiet tal-enerġija) taħt il-komponent 7 (Użu u integrazzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli); l-istadju importanti bin-numru sekwenzjali 434 tal-miżura R2 (ir-riforma: Li tingħata spinta lill-istat tad-dritt u lill-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja) taħt il-komponent 11 (Modernizzazzjoni tal-amministrazzjonijiet pubbliċi); u l-istadju importanti bin-numru sekwenzjali 245 tal-miżura I7 (l-investiment: Iċ-ċibersigurtà: It-tisħiħ tal-kapaċitajiet taċ-ċittadini, l-SMEs u l-professjonisti; it-titjib tal-ekosistema tas-settur) taħt il-komponent 15 (Konnettività diġitali). Abbażi ta' dan, Spanja talbet li jiġu emendati xi submiżuri, tiġi estiża l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tal-partijiet affettwati jew jiġu sostitwiti l-istrumenti legali ta' implimentazzjoni tal-miżuri msemmija hawn fuq. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

- (45) Spanja spjegat li tliet miżuri ma għadhomx jistgħu jinkisbu fl-iskeda ta' żmien prevista fl-RRP oriġinali minħabba li ammont straordinarju ta' nirien forestali wassal għar-ridistribuzzjoni tar-riżorsi. Dan jikkonċerna l-istadji importanti bin-numru sekwenzjali 66 tal-miżura I1 (l-investment: Id-Diġitalizzazzjoni u l-Għarfien tal-wirt naturali), il-mira bin-numru sekwenzjali 71 tal-miżura I3 (l-investment: Ir-restawr tal-ekosistemi u tal-infrastruttura ekoloġika) u l-istadju importanti bin-numru sekwenzjali 73 tal-miżura I4 (l-investment: Il-ġestjoni forestali sostenibbli) taħt il-komponent 4 (Ekosistemi u bijodiversità). Abbażi ta' dan, Spanja talbet li l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjonita tal-mira bin-numru sekwenzjali 71 tiġi estiża, li jinħoloq stadju importanti ġdid biex jinqabdu xi elementi mill-istadju importanti bin-numru sekwenzjali 73 li ma setgħux jintlaħaqu fl-iskeda ta' żmien proposta u li l-kamp ta' applikazzjoni tal-istadji importanti msemmija hawn fuq jiġi modifikat. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

- (46) Spanja spjegat li l-ambizzjoni oriġinali ta' sitt miżuri ma għadhiex tista' tinkiseb minħabba domanda insuffiċjenti. Dan jikkonċerna l-miri bin-numru sekwenzjali 34 tal-miżura I4 (l-investment: Programm ta' riġenerazzjoni u sfida demografika) taħt il-komponent 2 (Implimentazzjoni tal-aġenda urbana Spanjola: pjan ta' riabilitazzjoni u riġenerazzjoni urbana); azzjoni inkluża fid-deskrizzjoni tal-miżura I1 (L-użu tal-ħżin tal-enerġija) taħt il-komponent 8 (L-infrastruttura tal-elettriku, il-grilji intelliġenti u l-użu tal-flessibbiltà u l-ħżin) u l-mira bin-numru sekwenzjali 141 tal-miżura I1 (l-investment: Investment fit-Tranżizzjoni Ġusta) taħt il-komponent 10 (Tranżizzjoni Ġusta); l-istadju importanti bin-numru sekwenzjali 236 tal-miżura I1 (l-investment: Il-promozzjoni tal-koeżjoni territorjali permezz tal-użu ta' networks: Estensjoni tal-broadband ultraveloċi) taħt il-komponent 15 (Konnettività diġitali); u l-mira bin-numru sekwenzjali 297 tal-miżura I1 (l-investment: It-tiġdid u titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol marbuta mal-kwalifiki professjonali) taħt il-komponent 20 (Pjan strateġiku biex tingħata spinta lit-taħriġ vokazzjonali). Barra minn hekk, il-miżura I1 tal-komponent 20 tinkludi wkoll dewmien fl-implimentazzjoni. Abbażi ta' dan, Spanja talbet li jitnaqqsu l-miri korrispondenti u l-istadji importanti ta' dawn il-miżuri jew li d-deskrizzjoni tal-miżura apparagun tal-RRP oriġinali tiġi modifikata. Id-Deċizzjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

- (47) Spanja talbet ukoll li tuża r-riżorsi lliberati mit-tnaqqis tal-ambizzjoni tal-miri jew il-miżuri msemmija fil-premessa preċedenti biex iżżid il-livell ta' ambizzjoni ta' sitt miżuri jew miri. Iż-żieda fl-ambizzjoni tiegħu l-forma ta' miri li żdiedu. Dan jikkonċerna l-mira bin-numru sekwenzjali 35 tal-miżura I4 (l-investment: Programm ta' riġenerazzjoni u sfida demografika) taħt il-komponent 2 (Implimentazzjoni tal-aġenda urbana Spanjola: pjan ta' riabilitazzjoni u riġenerazzjoni urbana); il-miri bin-numri sekwenzjali 125 u 126 tal-miżura II (L-użu tal-ħżin tal-enerġija) taħt il-komponent 8 (L-infrastruttura tal-elettriku, il-grilji intelliġenti u l-użu tal-flessibbiltà u l-ħżin); il-miżura I1 (l-investment: Investiment fit-Tranżizzjoni Ġusta) taħt il-komponent 10 (Tranżizzjoni Ġusta); l-istadji importanti bin-numru sekwenzjali 243 u 244 tal-miżura I6 (l-investment: L-użu tal-5G: networks, bidla teknoloġika u innovazzjoni) taħt il-komponent 15 (Konnettività diġitali); u l-miżura I3 (l-investment: L-innovazzjoni u l-internazzjonalizzazzjoni tat-taħriġ vokazzjonali) taħt il-komponent 20 (Pjan strateġiku biex tingħata spinta lit-taħriġ vokazzjonali). Dan jikkonċerna wkoll il-miżura I2 (l-investment: Trasformazzjoni diġitali tat-taħriġ vokazzjonali) taħt il-komponent 20 (Pjan strateġiku biex tingħata spinta lit-taħriġ vokazzjonali). Spanja spjegat li t-tlestija tal-mira miżjuda tehtiegħ skeda ta' żmien itwal minn dik indikata fil-Pjan oriġinali. Abbażi ta' dan, Spanja talbet li l-livell ta' ambizzjoni jiżdied jew li l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tal-istadji importanti, il-miri u l-miżuri msemmija hawn fuq tiġi estiża. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħteġ li tiġi emendata skont dan.

- (48) Spanja spjegat li sitt miżuri ma għadhomx jistgħu jinkisbu fit-termini speċifiċi previsti fl-RRP oriġinali minħabba bidliet fid-domanda tas-suq bħala riżultat ta' bidliet fil-kundizzjonijiet tas-suq, inklużi kostijiet oġhla. Dawn iċ-ċirkustanzi objettivi jikkonċernaw il-mira bin-numru sekwenzjali 85 tal-miżura I1 (l-investment: Network ta' trażmissjoni nazzjonali: Il-kurituri Ewropej) taħt il-komponent 6 (Mobilità sostenibbli (fuq distanzi twal)). Abbażi ta' dan, Spanja talbet li tespandi l-lista ta' kurituri għall-premjijiet tal-proġetti, filwaqt li żżomm l-ambizzjoni oriġinali. Dawn iċ-ċirkustanzi oġġettivi jikkonċernaw ukoll l-istadju importanti bin-numru sekwenzjali 99 tal-miżura I4 (l-investment: – Programm ta' appoġġ għal trasport sostenibbli u diġitali) taħt il-komponent 6 (Mobilità sostenibbli (fuq distanzi twal)). Abbażi ta' dan, Spanja talbet li titħassar ir-referenza baġitarja f'kull linja baġitarja, filwaqt li tinżamm l-ambizzjoni oriġinali. Dawn iċ-ċirkostanzi oġġettivi jikkonċernaw ukoll il-miżura I4 (l-investment: Pjan ta' tranżizzjoni tal-enerġija fl-Amministrazzjoni Ġenerali tal-Istat) taħt il-Komponent 11 (Modernizzazzjoni tal-amministrazzjonijiet pubbliċi). Fuq din il-bażi, Spanja talbet li titnaqqas il-mira bin-numru sekwenzjali 170 fi proporzjon maż-żidiet fil-kostijiet fir-rigward tal-vetturi. Spanja pproponiet ukoll li terġa' tagħmel tqassim biex parti mill-ispejjeż oriġinali assoċjati fil-mira bin-numru sekwenzjali 172 jmorru fuq mira ġdida bin-numru sekwenzjali 439 (dwar l-implimentazzjoni ta' sistemi fotovoltajċi solari jew enerġiji rinnovabbli oħra), biex tkopri ż-żidiet fil-kostijiet fil-qasam tal-kostruzzjoni, u dan jissarraff'żieda f'tal-ewwel u tnaqqis f'tal-aħħar. Dawn iċ-ċirkostanzi oġġettivi jikkonċernaw ukoll miri bin-numri sekwenzjali 217, 218 u 219 tal-miżura I1 (Trasformazzjoni tal-investment tal-mudell tat-turiżmu lejn is-sostenibbiltà) taħt il-komponent 14 (Turiżmu). Abbażi ta' dan, Spanja talbet li jinbidel l-itteggjar tal-klima filwaqt li tinżamm l-ambizzjoni oriġinali tal-miri kif inhi.

Dawn iċ-ċirkustanzi oġġettivi jikkonċernaw ukoll il-mira bin-numru sekwenzjali 342 tal-miżura II (l-investment: L-impjieg taż-żgħażaġh) taħt il-komponent 23 (Politiki pubbliċi ġodda għal suq tax-xogħol dinamiku, reżiljenti u inklużiv). Abbażi ta' dan, Spanja talbet li jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-entitajiet benefiċjarji, b'mod partikolari biex entitajiet pubbliċi oħra, fondazzjonijiet u organizzazzjonijiet tat-tielet settur ikunu jistgħu jeżegwixxu l-programm *Tandem*, filwaqt li tinżamm l-ambizzjoni oriġinali. Dawn iċ-ċirkustanzi oġġettivi jikkonċernaw ukoll il-mira bin-numru sekwenzjali 344 tal-miżura I3 (l-investment: Ħiliet ġodda għal tranżizzjoni ekoloġika, diġitali u produttiva) taħt il-komponent 23 (Politiki pubbliċi ġodda għal suq tax-xogħol dinamiku, reżiljenti u inklużiv). Abbażi ta' dan, Spanja talbet li l-gruppi ta' benefiċjarji jiġu estiżi, inklużi wkoll il-ħaddiema impjegati, filwaqt li tinżamm l-ambizzjoni oriġinali. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

- (49) Spanja spjegat li ħames miżuri ma għadhomx jistgħu jinkisbu skont it-termini speċifiċi previsti fil-RRP oriġinali minħabba tfixkil fil-katina tal-provvista. Dawn iċ-ċirkustanzi oġġettivi jikkonċernaw il-mira bin-numru sekwenzjali 12 tal-miżura I2 (l-investment: Skema ta' inċentivi għall-installazzjoni ta' punti tal-iċċarġjar, ix-xiri ta' vetturi b'ċelloli tal-fjuwil u elettriċi u l-innovazzjoni fl-elettromobbiltà, fl-irriċarġjar u fl-idroġenu ekoloġiku) taħt il-komponent 1 (Pjan ta' Xokk għall-mobbiltà sostenibbli, sikura u konnessa fl-Ambjent Urban u Metropolitan). Abbażi ta' dan, Spanja talbet li jinbidlu l-ispeċifikazzjonijiet tal-mira, billi tissostitwixxi l-"użu" tal-vetturi elettriċi u tal-punti tal-irriċarġjar mar-"reġistrazzjoni tas-sussidju", u billi żżid stadju importanti bin-numru sekwenzjali 419 biex tiġi estiża l-implimentazzjoni tal-miżura mmirata lejn il-preservazzjoni tal-livell oriġinali tal-ambizzjoni tagħha. Dawn iċ-ċirkostanzi oġġettivi jikkonċernaw ukoll il-miżura I4 (Ġestjoni forestali sostenibbli) taħt il-komponent 4 (Ekosistemi u Bijodiversità). Abbażi ta' dan, Spanja talbet li titħassar ir-referenza għall-akkwist ta' assi tal-ajru ġodda u li l-baġit jiġi allokat mill-ġdid għal miżuri eżistenti dwar il-ġestjoni tal-foresti. Iċ-ċirkustanzi oġġettivi jikkonċernaw ukoll l-istadju importanti bin-numru sekwenzjali 79 tal-miżura I3 (l-investment: It-tranżizzjoni diġitali fis-settur tal-ilma (Infurzar Ambjentali Diġitali - PERTE għad-diġitalizzazzjoni tal-użi tal-ilma) taħt il-komponent 5 (Kosta u riżorsi tal-ilma). Abbażi ta' dan Spanja talbet li d-dħul fis-servizz tal-infrastruttura jiġi sostitwit bl-għoti ta' kuntratti u li jiżdid stadju importanti bin-numru sekwenzjali 426 biex tiġi estiża l-implimentazzjoni tal-miżura mmirata lejn il-preservazzjoni tal-livell oriġinali tal-ambizzjoni tagħha. Dawn iċ-ċirkustanzi oġġettivi jikkonċernaw ukoll l-istadju importanti bin-numru sekwenzjali 309 tal-miżura I1 (l-investment: Il-promozzjoni tal-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal (ECEC)) taħt il-komponent 21 (Modernizzazzjoni u diġitalizzazzjoni tal-edukazzjoni, inkluża l-edukazzjoni bikrija minn 0 sa 3 snin).

Abbażi ta' dan, fid-dawl taż-żieda fil-kostijiet tal-kostruzzjoni u tar-rinnovazzjoni, Spanja talbet li d-data tat-tlestija tiġi posposta b'sena u li, jekk ikun meħtieġ biex tintlaħaq il-mira tal-investment, jitnaqqas il-baġit inizjalment allokat għall-finanzjament tan-nefqa operattiva. Dawn iċ-ċirkustanzi oġġettivi jikkonċernaw ukoll il-mira bin-numru sekwenzjali 356 tal-miżura I2 (l-investment: Nagħtu spinta lill-kultura fit-territorju kollu) taħt il-komponent 24 (Industrija Kulturali). Fir-rigward tal-istess miżura, Spanja pproponiet li tipposponi d-data tat-tlestija tal-mira bin-numru sekwenzjali 358. Abbażi ta' dan, Spanja talbet li l-ispeċifikazzjoni tiġi ristretta għal 19-il sit u li s-sit li jifdal ("Tabacalera") jiġi integrat f'mira ġdida bin-numru sekwenzjali 474. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

- (50) Spanja spjegat li tliet miżuri ġew modifikati biex jimplimentaw alternattivi aħjar sabiex tinkiseb l-ambizzjoni oriġinali tal-miżura. Dan jikkonċerna l-istadji importanti bin-numru sekwenzjali 145, 147 u 148 tal-miżura R1 (ir-riforma: Modernizzazzjoni u diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni) kif ukoll stadju importanti bin-numru sekwenzjali 152 u stadju importanti ġdid bin-numru sekwenzjali 435 tal-miżura R2 (ir-riforma: Biex tingħata spinta lill-istat tad-dritt u lill-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja) taħt il-komponent 11 (Modernizzazzjoni tal-amministrazzjonijiet pubbliċi), biex tiġi riflessa bidla fit-tipi ta' strumenti legali li għandhom jiġu adottati biex tiġi żgurata implimentazzjoni aktar rapida, aktar effiċjenti u komprensiva tar-riforma. Dan jikkonċerna wkoll il-mira bin-numru sekwenzjali 322 tal-miżura I1 (l-investment: Pjan ta' kura fit-tul u ta' appoġġ: id-deistituzzjonalizzazzjoni, it-tagħmir u t-teknoloġija) taħt il-komponent 22 (Pjan ta' azzjoni għall-ekonomija tal-kura, it-tisħiħ tal-politiki dwar l-ugwaljanza u l-inklużjoni), fejn Spanja avvanzat aktar milli mistenni fil-kopertura tas-servizzi tat-telekura qabel l-implimentazzjoni tal-miżura, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

- (51) Spanja spjegat li miżura waħda ġiet modifikata biex taġġusta l-ambizzjoni għal żidiet fil-kostijiet bħala riżultat tal-inflazzjoni u bidla fid-domanda lejn rinnovazzjonijiet aktar għaljin fl-effiċjenza enerġetika li jiksbu aktar iffrankar tal-enerġija. Dan jikkonċerna l-mira bin-numru sekwenzjali 29 tal-miżura I1 (l-investment: Programm ta' riabilitazzjoni għall-irkupru ekonomiku u soċjali f'ambjenti residenzjali) taħt il-komponent 2 (Implimentazzjoni tal-Aġenda Urbana Spanjola: pjan ta' riabilitazzjoni u riġenerazzjoni urbana). Abbażi ta' dan, Spanja talbet li titnaqqas il-mira proporzjonalment għaż-żidiet fil-kostijiet. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (52) Spanja talbet li jiġi inklużi miri addizzjonali, maħsuba biex jippreservaw il-livell oriġinali ta' ambizzjoni, minħabba kwistjonijiet li jikkonċernaw, fost l-oħrajn, il-konġestjonijiet fil-katina tal-provvista, l-inflazzjoni, id-dewmien amministrattiv sussegwenti u n-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet meħtieġa. Dawn iċ-ċirkustanzi oġġettivi jikkonċernaw il-mira bin-numru sekwenzjali 419 tal-miżura I2 (l-investment: Skema ta' inċentivi għall-installazzjoni ta' punti tal-iċċarġjar, ix-xiri ta' vetturi b'ċelloli tal-fjuwil u elettriċi u l-innovazzjoni fl-elettromobbiltà, fl-irriċarġjar u fl-idroġenu ekoloġiku) taħt il-komponent 1 (Pjan ta' Xokk għall-mobbiltà sostenibbli, sikura u konnessa fl-Ambjent Urban u Metropolitan); l-istadju importanti bin-numru sekwenzjali 425 tal-miżura I4 (l-investment: Il-ġestjoni forestali sostenibbli) taħt il-komponent 4 (Ekosistemi u bijodiversità); u l-istadju importanti bin-numru sekwenzjali 426 tal-miżura I3 (l-investment: It-tranżizzjoni diġitali fis-settur tal-ilma (Infurzar Ambjentali Diġitali) taħt il-komponent 5 (Kosta u riżorsi tal-ilma). Abbażi ta' dan, Spanja talbet li jiżdiedu l-miri ta' dawn il-miżuri mal-RRP. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

- (53) Il-Kummissjoni tqis li r-raġunijiet imressqa minn Spanja jiġġustifikaw ir-reviżjonijiet skont l-Artikolu 14(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, l-aġġornament skont l-Artikolu 18(2) ta' dak ir-Regolament u l-emendi skont l-Artikolu 21(2) ta' dak ir-Regolament.
- (54) Id-distribuzzjoni tal-istadji importanti u l-miri f'pagamenti parzjali jenħtieġ li tiġi emendata biex jittieħed kont tal-allokazzjoni l-ġdida, tal-emendi fl-RRP u tal-iskeda ta' żmien indikattiva ppreżentata minn Spanja.

Korrezzjonijiet ta' żbalji klerikali

- (55) Ġew identifikati żbalji klerikali fit-test tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 li jaffettwaw 64 miżura. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 tiġi emendata biex tikkoreġi dawk l-iżbalji klerikali li ma jirriflettux il-kontenut tal-RRP ippreżentat lill-Kummissjoni fit-30 ta' April 2021, kif maqbul bejn il-Kummissjoni u Spanja. Dawn l-iżbalji klerikali huma relatati mal-miżura R2 (Att dwar il-mobbiltà sostenibbli u l-finanzjament tat-trasport) u l-miżura I2 (l-investiment: Skema ta' inċentivi għall-installazzjoni ta' punti tal-iċċarġjar, ix-xiri ta' vetturi b'ċelloli tal-fjuwil u elettriċi u l-innovazzjoni fl-elettromobbiltà, fl-irriċarġjar u fl-idroġenu ekoloġiku) taħt il-komponent 1 (Pjan ta' Xokk għall-mobbiltà sostenibbli, sikura u konnessa fl-Ambjent Urban u Metropolitan); il-miżura R3 (ir-riforma: Il-liġi dwar l-Akkomodazzjoni), il-miżura R4 (ir-riforma: Il-liġi dwar il-Kwalità tal-Arkitettura u l-Ambjent tal-Bini u l-Istrateġija Nazzjonali Ġdida tal-Arkitettura), il-miżura R5 (Uffiċċji ta' rinnovazzjoni ("punt uniku ta' servizz")), il-miżura R6 (Finanzjament imtejjeb għal azzjonijiet ta' rinnovazzjoni) u l-investiment I1 (Programm ta' riabilitazzjoni għall-irkupru ekonomiku u soċjali f'ambjenti residenzjali) taħt il-komponent 2 (Implimentazzjoni tal-aġenda urbana Spanjola: pjan ta' riabilitazzjoni u riġenerazzjoni urbana);

il-miżura R6 (ir-riforma: Reviżjoni tal-qafas regolatorju nazzjonali għar-regolamentazzjoni tas-sajd sostenibbli) u l-miżura I6 (Pjan għall-promozzjoni tas-sostenibbiltà, ir-riċerka, l-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni fis-settur tas-sajd (I): Il-Modernizzazzjoni tan-network ta' riżervi tal-baħar ta' interess għas-sajd) taħt il-komponent 3 (Trasformazzjoni ambjentali u diġitali tas-sistema agroalimentari u tas-sajd); il-miżura R1 (ir-riforma: Konservazzjoni tal-bijodiversità tal-art u tal-baħar), il-miżura R3 (ir-riforma: Il-ġestjoni forestali sostenibbli), il-miżura I1 (l-investment: Id-Diġitalizzazzjoni u l-għarfien tal-wirt naturali), il-miżura I2 (l-investment: Konservazzjoni tal-bijodiversità tal-art u tal-baħar), il-miżura I3 (l-investment: Ir-restawr tal-ekosistemi u l-infrastruttura ekoloġika) taħt il-komponent 4 (Ekosistemi u bijodiversità); il-miżura R1 (ir-riforma: Pjanijiet u strateġiji tal-ilma u bidliet regolatorji), il-miżura I1 (Implimentazzjoni ta' azzjonijiet ta' trattament, sanità, effiċjenza, iffrankar, użu mill-ġdid u sikurezza tal-infrastruttura (DSEAR)) u l-miżura I4 (l-investment: L-adattament tal-kosta għat-tibdil fil-klima, u l-implimentazzjoni ta' Strateġiji Marittimi u Pjanijiet ta' Ppjanar Spazjali Marittimu) taħt il-komponent 5 (Kosta u riżorsi tal-ilma); il-miżura I2 (l-investment: Network Trans-Ewropew għall-Programm tat-Trasport, xogħlijiet oħra), il-miżura I3 (l-investment: L-intermodalità u l-loġistika) u l-miżura I4 (l-investment: Programm ta' appoġġ għal trasport sostenibbli u diġitali) taħt il-komponent 6 (Mobilità sostenibbli (fuq distanzi twal)). il-miżura I1 (l-investment: L-iżvilupp ta' enerġiji rinnovabbli innovattivi, integrati fil-bini u l-proċessi ta' produzzjoni) u l-miżura I2 (l-investment: L-enerġija sostenibbli fil-gżejjer) taħt il-komponent 7 (Użu u integrazzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli); il-miżura I3 (Mudelli ta' negozju ġodda fit-tranżizzjoni enerġetika) taħt il-komponent 8 (L-infrastruttura tal-elettriku, il-grilji intelliġenti u l-użu tal-flessibbiltà u l-ħżin); il-miżura I1 (l-investment: Idroġenu rinnovabbli, proġett tal-pajjiż) taħt il-komponent 9 (idroġenu rinnovabbli); il-miżura R1 (ir-riforma: Protokoll għal Tranżizzjoni Ġusta), il-miżura I1 (l-investment: Investment fit-Tranżizzjoni Ġusta) taħt il-komponent 10 (Tranżizzjoni Ġusta);

il-miżura I2 (l-investment: Programm biex tingħata spinta lill-kompetittività u lis-sostenibbiltà industrijali) taħt il-komponent 12 (Politika industrijali); il-miżura R1 (ir-riforma: It-titjib tar-regolamentazzjoni tan-negozju u l-klima), il-miżura R2 (ir-riforma: Strateġija għal Spanja bħala nazzjon intraprenditorjali), il-miżura I1 (l-investment: L-intraprenditorija) u l-miżura I3 (l-investment: Id-diġitalizzazzjoni u l-Innovazzjoni) u l-miżura I4 (l-investment: Tkabbir) taħt il-komponent 13 (Appoġġ għall-SMEs); il-miżura I1 (l-investment: Trasformazzjoni tal-mudell tat-turiżmu lejn is-sostenibbiltà) taħt il-komponent 14 (Turiżmu); il-miżura I2 (l-investment: It-tisħiħ tal-konnettività f'ċentri ta' referenza, xpruni soċjoekonomiċi u proġetti ta' diġitalizzazzjoni settorjali) taħt il-komponent 15 (Konnettività diġitali); il-miżura I6 (l-investment: L-użu tal-5G: networks, bidla teknoloġika u innovazzjoni) taħt il-komponent 15 (Konnettività diġitali); il-miżura R1 (Strateġija Nazzjonali għall-Intelliġenza Artifiċjali) taħt il-komponent 16 (Intelliġenza Artifiċjali); il-miżura I5 (l-investment: Trasferiment tal-Għarfien), il-miżura I7 (Ambjent, tibdil fil-klima u enerġija) u l-miżura I3 (Proġetti ġodda privati, interdixxiplinari, pubbliċi tar-RŻI, testijiet kunċettwali u l-għoti ta' għajjnuna bħala riżultat ta' sejħiet kompetittivi internazzjonali. Riċerka u żvilupp mill-aktar avvanzati immirati lejn l-isfidi tas-soċjetà. Akkwist pubbliku prekommerċjali) il-miżura I5 (Trasferiment tal-għarfien), il-miżura I7 (Ambjent, Tibdil fil-klima u enerġija) u l-miżura I9 (Ajruspazju) taħt il-komponent 17 (Xjenza, Teknoloġija u Innovazzjoni); il-miżura R3 (ir-riforma: Il-liġi dwar l-ekwità, l-universalità u l-koeżjoni tas-sistema tas-saħħa nazzjonali), il-miżura R4 (ir-riforma: Il-liġi dwar l-istatut qafas għall-persunal tas-servizzi tas-saħħa statutorji), il-miżura R5 (ir-riforma: Ir-riforma tar-regolamentazzjoni tal-mediċini u t-titjib tal-aċċess għall-mediċini), il-miżura I3 (Network ta' sorveljanza pubblika) u l-miżura I4 (l-investment: Professjonisti tal-kura tas-saħħa mħarrġa fil-qafas tal-pjanijiet ta' edukazzjoni kontinwa), il-miżura I5 (l-investment: Sistema u pjattaforma ta' VALTERMED għall-valutazzjoni tat-Teknoloġiji u l-Benefiċċji tas-Saħħa tas-Sistemi Nazzjonali tas-Saħħa),

il-miżura I6 (Data lake tas-saħħa) taħt il-komponent 18 (Ir-rinnovazzjoni u l-estensjoni tal-kapaċitajiet tas-sistema tas-saħħa nazzjonali); il-miżura I1 (l-investment: Ħiliet diġitali trasversali), il-miżura I2 (l-investment: It-trasformazzjoni diġitali tal-edukazzjoni) u l-miżura I3 (l-investment: Ħiliet diġitali għall-impjiegi) taħt il-komponent 19 (Ħiliet diġitali); il-miżura I1 (l-investment: It-tiġdid u titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol marbuta mal-kwalifiki professjonali) u l-miżura I2 (l-investment: Trasformazzjoni diġitali tat-taħriġ vokazzjonali) taħt il-komponent 20 (Pjan strateġiku biex tingħata spinta lit-taħriġ vokazzjonali); il-miżura I5 (l-investment: It-titjib tal-infrastruttura diġitali universitarja, it-tagħmir, it-teknoloġiji, it-tagħlim u l-evalwazzjoni) taħt il-komponent 21 (Modernizzazzjoni u diġitalizzazzjoni tal-edukazzjoni, inkluża l-edukazzjoni bikrija minn 0 sa 3 snin); il-miżura I1 (l-investment: Pjan ta' kura fit-tul u ta' appoġġ: id-deistituzzjonalizzazzjoni, t-tagħmir u t-teknoloġija), il-miżura I2 (l-investment: Pjan għall-modernizzazzjoni tas-servizzi soċjali – Trasformazzjoni teknoloġika, innovazzjoni, taħriġ u tisħiħ tal-kura tat-tfal), il-miżura I3 (l-investment: Pjan ta' Spanja għall-Aċċessibbiltà fil-Pajjiż, u l-miżura I4 (l-investment: Pjan ta' Spanja għall-protezzjoni mill-vjolenza abbażi tal-ġeneru) taħt il-komponent 22 (Pjan ta' azzjoni għall-ekonomija tal-kura, it-tisħiħ tal-politiki dwar l-ugwaljanza u l-inklużjoni); il-miżura I3 (l-investment: Ħiliet ġodda għat-tranżizzjoni ekoloġika, diġitali u produttiva), il-miżura R7 (ir-riforma: Rieżami tal-inċentivi għar-reklutaġġ) u l-miżura R10 (ir-riforma: Is-simplifikazzjoni u t-tijib tal-assistenza għall-qgħad) taħt il-komponent 23 (Politiki pubbliċi ġodda għal suq tax-xogħol dinamiku, reżiljenti u inklużiv); il-miżura I1 (l-investment: It-tisħiħ tal-kompetittività tal-industriji kulturali) taħt il-komponent 24 (Industrija Kulturali); il-miżura I1 (l-investment: Programm għall-promozzjoni, il-modernizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tas-settur awdjoviżiv) taħt il-komponent 25 (Ċentru Awdjoviżiv ta' Spanja); u l-miżura I2 (l-investment: Pjan għat-tranżizzjoni ekoloġika tal-faċilitajiet sportivi) taħt il-komponent 26 (Promozzjoni tal-isport). Dawk il-korrezzjonijiet ma jaffettwawx l-implimentazzjoni tal-miżuri kkonċernati.

- (56) Il-Kapitolu dwar REPowerEU jinkludi riforma ġdida, investiment wieħed li qed jespandi u seba' investimenti ġodda. Ir-riforma għandha l-għan li tiffaċilita l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u li tissimplifika l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-għoti ta' permessi. B'mod partikolari, ir-riforma tissimplifika l-proċeduri relatati ma' proġetti ġodda tal-enerġija rinnovabbli u infrastruttura ġdida tan-network tal-elettriku, u tistabbilixxi unità amministrattiva ġdida fi ħdan l-amministrazzjoni ċentrali biex tassisti l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-għoti ta' permessi.
- (57) Is-seba' investimenti ġodda taħt il-kapitolu dwar REPowerEU jinkludu investiment pubbliku fi skema ta' appoġġ biex jittejjeb l-aċċess għall-finanzjament tal-katina tal-valur fid-disinn, il-manifattura, il-ħżin, ir-riċiklaġġ jew ir-riċerka u l-iżvilupp ta' teknoloġiji u komponenti rilevanti għat-tranżizzjoni lejn ekonomija b'emissjonijiet zero netti; investiment pubbliku fi skema ta' appoġġ biex jiġi appoġġat l-idroġenu rinnovabbli u l-investiment biex tiġi varata infrastruttura ġdida għat-trażmissjoni tal-elettriku biex jiġu integrati volumi akbar ta' enerġija rinnovabbli u biex siti industrijali ġodda b'emissjonijiet zero netti jiġu konnessi man-network tal-elettriku, u erba' investimenti biex tiġi appoġġata d-dekarbonizzazzjoni industrijali, tnejn minnhom fil-forma ta' skemi ta' appoġġ.

- (58) Il-komponent jinkludi investimenti u riformi biex jiżdied is-sehem tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli li jikkontribwixxu għat-tnaqqis tad-dipendenza ta' Spanja fuq il-fjuwils fossili u b'hekk jitnaqqsu l-vulnerabbiltajiet waqt l-istaġuni tax-xitwa li ġejjin. Dawn il-miżuri huma r-riforma dwar l-għoti ta' permessi għall-enerġija rinnovabbli, l-investiment immirat biex jappoġġa l-komunitajiet tal-enerġija, il-ħżin tal-enerġija u l-awtokonsum, u l-investimenti li jappoġġaw l-idroġenu rinnovabbli, il-katina tal-valur tal-industrija b'emissjonijiet zero netti, u l-iżvilupp ta' network tat-trażmissjoni tal-elettriku.
- (59) Il-Kapitolu dwar REPowerEU jinkludi wkoll miżura fuq skala akbar ibbażata fuq żewġ miżuri eżistenti fil-komponent 7 (Żvilupp u integrazzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli) u miżura waħda eżistenti fil-komponent 8 (Infrastruttura tal-elettriku, grilji intelliġenti u l-użu ta' flessibbiltà u ħżin). Il-miżura fuq skala akbar inkluża fil-kapitolu dwar REPowerEU żżid il-livell ta' ambizzjoni tal-miżuri eżistenti, b'mod partikolari fir-rigward tal-awtokonsum, tal-ħżin tal-enerġija u tal-komunitajiet tal-enerġija.
- (60) Il-Kummissjoni vvalutat l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu dwar REPowerEU skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241.

Rispons ibbilanċjat li jikkontribwixxi għas-sitt pilastri

- (61) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (a), u mal-Anness V, il-kriterju 2.1 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU jirrappreżenta fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) rispons komprensiv u bbilanċjat b'mod adegwat għas-sitwazzjoni ekonomika u soċjali, u b'hekk jikkontribwixxi b'mod xieraq għas-sitt pilastri kollha msemmija fl-Artikolu 3 ta' dak ir-Regolament, filwaqt li jitqiesu l-isfidi speċifiċi ffaċċjati mill-Istat Membru kkonċernat u l-allokazzjoni finanzjarja għalih.

- (62) L-RRP modifikat jinkludi aktar miżuri biex jiġu appoġġati l-pilastri tat-tranżizzjoni ekoloġika, b'mod partikolari dwar id-dekarbonizzazzjoni tal-industrija, l-użu tal-enerġija rinnovabbli u l-idroġenu, it-trasport sostenibbli, l-effiċjenza enerġetika, il-ġestjoni tal-ilma, l-ekonomija ċirkolari, l-adattament għat-tibdil fil-klima u t-turiżmu sostenibbli. Il-RRP modifikat jinkludi wkoll aktar miżuri biex tiġi appoġġata t-tranżizzjoni diġitali b'mod partikolari dwar l-iżvilupp ta' teknoloġiji diġitali avvanzati, iż-żieda fil-kapaċità tal-industrija fabless u tal-manifattura, it-tisħiħ tal-ekosistema xjentifika u teknoloġika, id-diġitalizzazzjoni tal-SMEs, l-amministrazzjoni pubblika u l-edukazzjoni, it-tisħiħ tas-settur awdjoviżiv u d-diġitalizzazzjoni tal-konnettività tal-informazzjoni u tal-media. Barra minn hekk, il-RRP modifikat jinkludi miżuri biex jissaħħu l-koeżjoni soċjali u territorjali u l-bilanċ bejn il-ġeneri, b'mod partikolari permezz ta' appoġġ għall-proġett strateġiku marbut mal-ekonomija soċjali u tl-kura.

L-indirizzar tal-isfidi kollha jew ta' subsett sinifikanti ta' sfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż

- (63) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (b), u mal-Anness V, il-kriterju 2.2 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu dwar REPowerEU huwa mistenni li jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi kollha identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti indirizzati lil Spanja jew subsett sinifikanti minnhom (klassifikazzjoni A), inkluż l-aspetti fiskali tagħhom, u r-rakkomandazzjonijiet li saru skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup>, jew l-isfidi identifikati f'dokumenti rilevanti oħra adottati uffiċjalment mill-Kummissjoni fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25).

- (64) B'mod partikolari, l-RRP modifikat iqis ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati formalment mill-Kunsill qabel il-valutazzjoni tal-RRP modifikat mill-Kummissjoni. Billi l-kontribuzzjoni finanzjarja massima għal Spanja ġiet aġġustata 'l fuq u billi d-daqs tal-RRP żdied wara talba għal self maħsub biex jintuża mhux esklużivament għall-oġġettivi ta' REPower, ir-rakkomandazzjonijiet strutturali kollha tal-2022 u tal-2023 huma kkunsidrati fil-valutazzjoni kumplessiva.
- (65) Wara li vvalutat il-progress fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti kollha fiż-żmien tal-preżentazzjoni tal-RRP nazzjonali modifikat, il-Kummissjoni sabet li l-ebda rakkomandazzjoni ma ġiet implimentata bis-sħiħ. Sar progress sostanzjali fir-rigward tar-rakkomandazzjonijiet dwar l-investiment pubbliku għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali u għas-sigurtà tal-enerġija (rakkomandazzjoni 1.2 tal-2022), dwar l-idroġenu rinnovabbli (rakkomandazzjoni 4.6 tal-2022), dwar l-appoġġ għall-impjiegi (rakkomandazzjoni 2.1 tal-2020), dwar miżuri biex tiġi pprovduta likwidità lill-SMEs u lil dawk li jaħdmu għal rashom (rakkomandazzjoni 3.1 tal-2020), dwar is-sostenibbiltà tas-sistema tal-pensjonijiet (rakkomandazzjoni 1.4 tal-2019), dwar it-tranżizzjoni lejn kuntratti indefiniti (rakkomandazzjoni 2.3 tal-2019) u dwar l-indirizzar tad-diskrepanzi fil-kopertura fl-iskemi reġjonali ta' introjtu minimu (rakkomandazzjoni 2.7 tal-2019).

- (66) L-RRP modifikat jinkludi sett estensiv ta' riformi u investimenti li jsaħħu lil xulxin u li jikkontribwixxu biex jindirizzaw b'mod effettiv l-isfidi ekonomiċi u soċjali rilevanti kollha jew subsett sinifikanti minnhom li huma deskritti fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż indirizzati lil Spanja mill-Kunsill fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2019, l-2020, l-2022 u l-2023. Billi jindirizza l-isfidi msemmija hawn fuq, l-RRP modifikat huwa mistenni li jikkontribwixxi wkoll għall-korrezzjoni tal-iżbilanċi, kif identifikat fir-rakkomandazzjonijiet li saru skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 fl-2019, fl-2020, fl-2022 u fl-2023, li Spanja qed tesperjenza, b'mod partikolari fir-rigward tad-dejn għoli privat, tal-gvern u dak estern, f'kuntest ta' qgħad għoli.
- (67) Il-modifiki fl-RRP ta' Spanja ma jinbidlux, iżda jikkonfermaw u jsaħħu l-valutazzjoni preċedenti li l-RRP qed jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati b'mod effettiv ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż kollha jew subsett sinifikanti minnhom indirizzati lil Spanja għas-snin 2019 u 2020, peress li Spanja mhix tneħħi jew tnaqqas b'mod sinifikanti xi investment jew riforma, iżda qed żżid investimenti u riformi addizzjonali. Ħafna mill-miżuri l-ġodda jgħinu biex ikomplu jiġu indirizzati dawk ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż li diġà huma parzjalment indirizzati mill-RRP eżistenti.

- (68) B'mod partikolari, l-RRP modifikat jindirizza r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż 2022.1.2 u 2023.1.3 biex jitravwem l-investiment pubbliku fit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali permezz ta' sitt investimenti pubbliċi f'faċilitajiet biex jiġi inċentivat l-investiment privat u jittejjeb l-aċċess għall-finanzjament (iż-żewġ Fondi ta' Appoġġ għan-Negożju tal-ICO, il-Fond tat-Teknoloġija li Jmiss, il-Fond ta' Koinvestment, il-Fond ta' Reżiljenza Reġjonali u, il-Mekkaniżmu ta' Finanzjament CHIP) li huma mistennija jagħtu spinta sinifikanti lit-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali fi Spanja. Barra minn hekk, aktar investimenti, inkluż fl-industrija tal-mikroċipep u fis-settur awdjoviżiv jindirizzaw ukoll ir-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 1.3 tal-2023 u r-rakkomandazzjoni 1.2 tal-2022 biex l-investiment pubbliku fit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali jespandi.
- (69) F'konformità mar-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 3 tal-2022 biex jiżdiedu r-rati ta' riċiklaġġ biex jintlaħqu l-miri tal-Unjoni u biex tiġi promossa l-ekonomija ċirkolari u jittejjeb l-użu mill-ġdid tal-ilma, riforma fl-immaniġġjar tal-iskart fl-RRP modifikat ittejjeb il-koordinazzjoni fost il-livelli kollha tal-amministrazzjoni. Dan jinkiseb permezz tal-ħolqien ta' kumitat ta' koordinazzjoni u l-approvazzjoni ta' leġiżlazzjoni sekondarja inkluża fil-"Pakkett dwar l-Iskart". It-trasferimenti addizzjonali lejn ir-reġjuni għandhom jikkontribwixxu direttament biex jinkiseb minimu ta' 30 % tal-iskart municipli miġbur separatament. Skema ġdida ta' sussidju għall-ekonomija ċirkolari f'setturi Spanjoli ewlenin (tal-plastiks, tat-tessuti u tal-moda u tat-tagħmir tal-RES) għandha tikkontribwixxi biex tissaħħaħ iċ-ċirkolarità f'dawn is-setturi. Investimenti addizzjonali fit-trattament tal-ilma mormi għandhom jikkontribwixxu biex jiżdied l-użu mill-ġdid tal-ilma (id-diġitalizzazzjoni tal-ilma tal-pjan PERTE).

- (70) Il-Kapitolu dwar REPowerEU jsaħħaħ l-ambizzjoni tal-RRP fir-rigward tal-bieċa l-kbira tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti fil-qasam tal-enerġija (rakkomandazzjoni 4 tal-2022, ir-rakkomandazzjoni 3 tal-2023), b'mod partikolari biex ttnaqqas id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili, biex jiġihaffef l-użu ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli, biex isir investiment fil-ħżin tal-enerġija u fl-infrastruttura tan-network, u biex jintuża l-idroġenu rinnovabbli. Il-Kapitolu dwar REPowerEU fih riforma li ttejjeb il-qafas għall-ġhoti ta' permessi għall-proġetti tal-enerġija rinnovabbli, u l-investimenti fl-awtokonsum, il-ħżin tal-enerġija, il-komunitajiet tal-enerġija u l-investiment fl-idroġenu rinnovabbli (biex tiġi indirizzata r-rakkomandazzjoni 3.1 tal-2023 li tnaqqas id-dipendenza ġenerali fuq il-fjuwils fossili u r-rakkomandazzjoni 3.2 tal-2023 li tħaffef l-użu tal-enerġija rinnovabbli billi jiġu ssimplifikati u diġitalizzati aktar il-proċeduri għall-ġhoti ta' permessi, tiġi appoġġata l-ħidma tal-awtoritajiet tal-ġhoti ta' permessi, billi jiġu integrati l-enerġiji rinnovabbli fil-binjiet u billi jsir investiment fl-idroġenu rinnovabbli). Fih ukoll investiment f'infrastruttura ġdida tan-network tal-elettriku (biex tiġi indirizzata r-rakkomandazzjoni 3.1 tal-2023 li tnaqqas id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili u r-rakkomandazzjoni 3.3 tal-2023 li ttejjeb it-trażmissjoni tal-elettriku). Fih ukoll investiment fil-katina tal-valur tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli (biex tiġi indirizzata r-rakkomandazzjoni 3.1 tal-2023 li tnaqqas id-dipendenza ġenerali fuq il-fjuwils fossili)

- (71) Diversi miżuri proposti inklużi fl-RRP modifikat jikkontribwixxu wkoll għar-rakkomandazzjonij 3.7 tal-2023 u r-rakkomandazzjonij 4.5 tal-2022 fl-oqsma tal-elettrifikazzjoni tat-trasport (permezz ta' inċentiv fiskali għid għax-xiri ta' vetturi elettriċi u l-appoġġ għall-industrija tal-vetturi elettriċi), u għar-rakkomandazzjoni 3.5 tal-2023 u r-rakkomandazzjoni 4.8 tal-2022 fl-oqsma taż-żieda tad-disponibbiltà ta' akkomodazzjoni soċjali u affordabbli effiċjenti fl-użu tal-enerġija (permezz tal-faċilità għall-promozzjoni tal-akkomodazzjoni soċjali u l-programm ta' miżuri għall-promozzjoni tal-provvista ta' akkomodazzjoni għall-kiri). L-istrateġija għall-Effiċjenza Enerġetika fin-Network Statali tat-Toroq tikkontribwixxi biex jiġu indirizzati r-rakkomandazzjoni 3.3 tal-2019 dwar l-effiċjenza enerġetika u r-rakkomandazzjoni 3.5 tal-2020 dwar il-produzzjoni u l-użu nodfa u effiċjenti tal-enerġija.
- (72) Barra minn hekk, il-RRP modifikat jgħin biex tiġi indirizzata r-rakkomandazzjoni 3 tal-2020 li trawwem ir-riċerka u l-innovazzjoni, il-produzzjoni u l-użu nodfa u effiċjenti tal-enerġija, l-infrastruttura tal-enerġija, il-ġestjoni tal-ilma u tal-iskart u t-trasport sostenibbli, permezz tal-operat ta' ambjent ta' esperimentazzjoni regolatorja għid fil-qasam tat-trasport u l-mobbiltà. Regolament għid dwar is-sistemi ta' informazzjoni tal-azjendi agrikoli għall-ġestjoni tal-politiki agrikoli u tal-bhejjem jikkontribwixxi biex tiġi indirizzata r-rakkomandazzjoni 3.2 tal-2019 dwar l-effiċjenza fir-riżorsi. Żieda fil-livell ta' ambizzjoni, apparagun tal-RRP oriġinali, fl-investment, biex jiġu mmodernizzati s-sistemi ta' irrigazzjoni f'termini ta' ffrankar tal-ilma u effiċjenza enerġetika, tikkontribwixxi biex tiġi indirizzata r-rakkomandazzjoni 3.6 tal-2020 dwar l-investment fit-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, b'mod partikolari fil-ġestjoni tar-riżorsi tal-ilma u tal-iskart.

- (73) Investimenti ġodda fil-kura tas-saħħa jikkontribwixxu biex tiġi indirizzata r-rakkomandazzjoni 1.2 tal-2020 li ssaħħaħ ir-reżiljenza u l-kapaċità tas-sistema tas-saħħa. Il-Fond il-ġdid għall-Intraprenditorija u l-Intrapriżi Żgħar u Medji jikkontribwixxi biex tiġi indirizzata r-rakkomandazzjoni 3.1 tal-2020 li timplimenta miżuri li jappoġġaw lill-SMEs. Strument finanzjarju ieħor, il-Fond għall-Impatt Soċjali jikkontribwixxi biex jindirizza r-rakkomandazzjoni 2.1 tal-2019 li tiżgura li l-impjiegi u s-servizzi soċjali jkollhom il-kapaċità li jipprovdu appoġġ effettiv.

Il-kontribut għall-potenzjal tat-tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi u r-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali

- (74) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (c), u mal-Anness V, il-kriterju 2.3 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu dwar REPowerEU huwa mistenni li jkollu impatt għoli (klassifikazzjoni A) fuq it-tisħiħ tal-potenzjal tat-tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi, u r-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali ta' Spanja, filwaqt li jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, inkluż permezz tal-promozzjoni ta' politiki għat-tfal u ż-żgħażaġh, u fuq il-mitigazzjoni tal-impatt ekonomiku u soċjali tal-kriżi tal-COVID-19, u b'hekk jissaħħu l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u l-konverġenza fl-Unjoni.

- (75) Il-valutazzjoni tal-Pjan inizjali, f'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (c), u mal-Anness V, il-kriterju 2.3 tar-Regolament (UE) 2021/241, sabet li l-RRP huwa mistenni li jkollu impatt għoli fuq it-tisħiħ tal-potenzjal tat-tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi, u r-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali ta' Spanja, fuq il-kontribut għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, inkluż permezz tal-promozzjoni ta' politiki għat-tfal u ż-żgħażaġh, u fuq il-mitigazzjoni tal-impatt ekonomiku u soċjali tal-kriżi tal-COVID-19, u b'hekk jissaħħu l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u l-konverġenza fl-Unjoni (klassifikazzjoni A).
- (76) L-RRP inizjali kien jinkludi riformi u investimenti li għandhom il-potenzjal li jindirizzaw vulnerabbiltajiet sinifikanti tal-ekonomija Spanjola relatati mas-settur estern billi jżidu l-kompetittività tan-negozji u jnaqqsu l-importazzjonijiet tal-enerġija. Dak l-RRP jikkontribwixxi parzjalment għall-indirizzar tal-vulnerabbiltajiet eżistenti tal-pajjiż minn perspettiva fiskali billi jiżgura nfiq pubbliku effiċjenti u jsahha l-oqfsa tat-tassazzjoni u tal-akkwist pubbliku. Kien mistenni wkoll li jnaqqas b'mod effettiv id-disparitajiet territorjali permezz ta' riformi u investimenti biex tiġi indirizzata l-isfida demografika fiż-żoni rurali u l-muniċipalitajiet iż-żgħar u jappoġġa l-proċess ta' tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima. Jinkludi miżuri li għandhom l-għan li jindirizzaw l-isfidi tal-koeżjoni soċjali identifikati f'rapporti preċedenti tal-pajjiżi u rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż għal Spanja, u mmonitorjati permezz tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali. Miżuri speċifiċi għandhom fil-mira l-indirizzar tal-vulnerabbiltajiet fis-sistema tal-protezzjoni soċjali, b'has-simplifikazzjoni tal-assistenza għall-qgħad u r-reviżjoni tas-sistema tal-benefiċċji tal-familja.

- (77) Bħala parti mill-modifika tal-pjan, Spanja ressqet aktar riformi mmirati lejn it-tisħiħ tal-kompetizzjoni tan-negozju, l-attrazzjoni ta' talent barrani u l-aċċellerazzjoni tat-tranżizzjoni tal-enerġija u l-implimentazzjoni tal-investimenti. B'mod partikolari, Spanja qed tipproponi riformi biex tissimplifika l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-permessi fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli. Riformi bħal dawn huma kruċjali biex jintlaħqu l-obiettivi tar-REPowerEU, biex titħaffef it-tranżizzjoni ekoloġika, u tiġi żgurata r-reżiljenza kontra aktar xokkijiet fl-enerġija. Il-modifika tal-RRP tinkludi wkoll riżorsi mdaqqsqa għal strumenti finanzjarji biex jiġi stimulat l-investiment privat, inkluż biex tiġi appoġġata t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, u biex jissaħħu l-proġetti industrijali strateġiċi fit-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali. Il-Kapitolu dwar REPowerEU jinkludi riżorsi addizzjonali biex jiżdedu l-miżuri eżistenti dwar l-awtokonsum tal-enerġija rinnovabbli, il-ħżin tal-enerġija min-naħa tal-konsumatur u l-komunitajiet tal-enerġija; u investimenti ġodda fl-idroġenu rinnovabbli, il-katina tal-valur għall-enerġija rinnovabbli, fin-networks tal-elettriku u fid-dekarbonizzazzjoni tal-industrija. Fid-dawl tar-riformi u l-investimenti mressqa bħala parti mill-modifika tal-RRP, il-valutazzjoni pożittiva inizjali tal-impatt tal-RRP fuq il-potenzjal tat-tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi, u l-koeżjoni territorjali u soċjali hija kkonfermata.
- (78) Simulazzjonijiet stilizzati mis-servizzi tal-Kummissjoni jistmaw li l-RRP modifikat, inkluża l-allokazzjoni aġġornata tal-ġhotjiet u t-talba għal self, flimkien mal-bqija tal-miżuri tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru, għandhom il-potenzjal li jżidu l-PDG ta' Spanja b'bejn 2,7 % u 3,5 % sal-2025, li ma jinkludux b'mod espliċitu l-impatt pożittiv possibbli tar-riformi strutturali.

## La tagħmilx ħsara sinifikanti

- (79) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (d), u mal-Anness V, il-kriterju 2.4 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu dwar REPowerEU huwa mistenni jiżgura li l-ebda miżura (klassifikazzjoni A) għall-implimentazzjoni ta' riformi u proġetti ta' investiment inklużi fl-RRP ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup> (il-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti").
- (80) L-RRP modifikat jivvaluta l-konformità mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" skont il-metodoloġija stabbilita fil-gwida teknika pprovduta fl-Avviż tal-Kummissjoni intitolat "Gwida teknika dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" skont ir-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza"<sup>2</sup>. Il-bidliet introdotti fil-miżuri permezz tal-modifiki fl-RRP ma jaffettwawx il-valutazzjoni mwettqa għall-verżjoni oriġinali tal-RRP, li tibqa' l-istess.
- (81) Għar-riformi u l-investimenti l-ġodda introdotti, inkluż il-kapitolu dwar REPowerEU, Spanja pprovdiet valutazzjoni sistematika ta' kull miżura meta mqabbla mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti". Fejn meħtieġ, fl-istadji importanti u fil-miri rilevanti jiġu inklużi salvagwardji speċifiċi biex tiġi żgurata l-konformità mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti". L-informazzjoni pprovduta minn Spanja tippermetti li jiġi konkluż li l-RRP huwa mistenni li jiżgura li l-ebda miżura ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852.

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

<sup>2</sup> ĠU C 58, 18.2.2021, p. 1.

- (82) L-ebda miżura tal-RRP Spanjol u lanqas tal-kapitolu dwar REPowerEU ma taqa' taħt l-Artikolu 21c(3), il-punt (a) tar-Regolament (UE) 2021/241.

Kontribuzzjoni għall-oġettivi ta' REPowerEU

- (83) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (da) u mal-Anness V, il-kriterju 2.12 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-kapitolu dwar REPowerEU huwa mistenni li jikkontribwixxi b'mod effettiv fil-bieċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għas-sigurtà tal-enerġija, id-diversifikazzjoni tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni, żieda fl-użu tal-enerġija rinnovabbli u fl-effiċjenza enerġetika, żieda fil-kapaċitajiet tal-ħżin tal-enerġija jew it-tnaqqis meħtieġ fid-dipendenza fuq il-fjuwils fossili qabel l-2030.
- (84) L-implimentazzjoni tal-miżuri inklużi fil-kapitolu dwar REPowerEU hija mistennija tikkontribwixxi, b'mod partikolari, għall-appoġġ tal-oġettivi fl-Artikolu 21c(3), il-punti (b), (e) u (f) tar-Regolament (UE) 2021/241. L-implimentazzjoni tal-investimenti għad-dekarbonizzazzjoni tal-industrija (C31.I5, C31.I6, C31.I7, C31.I8) u għall-użu tal-idroġenu rinnovabbli (C31.I2), l-espansjoni tal-investment biex tintuża enerġija rinnovabbli addizzjonali billi jiġi appoġġat l-awtokonsum (C31.I1) u r-riforma biex jiġu ssimplifikati l-proċeduri għall-ġoti ta' permessi għall-proġetti tal-enerġija rinnovabbli (C31.R1) huma mistennija li jikkontribwixxu għall-oġettiv stabbilit fl-Artikolu 21c(3), il-punt (b) tar-Regolament (UE) 2021/241, jiġifieri, li tingħata spinta lill-effiċjenza enerġetika fil-bini u fl-infrastruttura kritika tal-enerġija, tiġi dekarbonizza l-industrija, jiżdedu il-produzzjoni u l-użu ta' bijometan sostenibbli u tal-idroġenu rinnovabbli jew ħieles mill-fjuwils fossili, u jiżdied is-sehem u jitħaffef l-użu tal-enerġija rinnovabbli.

L-implimentazzjoni tal-investiment f'infrastruttura ġdida tat-trażmissjoni tal-elettriku (C31.I4) hija mistennija li tikkontribwixxi biex jiġu indirizzati l-ostakli interni u transfruntieri għat-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-enerġija, li tappoġġa l-ħżin u taċċellera l-integrazzjoni tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli, jiġifieri, l-oġettiv fl-Artikolu 21c(3), il-punt (e) tar-Regolament (UE) 2021/241. L-implimentazzjoni tal-investiment li jappoġġa l-katina tal-valur tal-industrija b'emissjonijiet zero netti (C31.I3) hija mistennija li tikkontribwixxi għall-oġettiv tal-Artikolu 21c(3), il-punt (f) ta' dan ir-Regolament. Il-Kapitolu dwar REPowerEU jindirizza wkoll il-ħtieġa ta' diversifikazzjoni lil hinn mill-fjuwils fossili, b'mod partikolari billi jitħaffef l-użu tal-enerġija rinnovabbli, l-idroġenu rinnovabbli, id-dekarbonizzazzjoni tal-industrija u l-investiment fil-katina tal-valur għall-industrija b'emissjonijiet zero netti.

- (85) Għalhekk, il-miżuri fil-kapitolu dwar REPowerEU huma konsistenti mal-isforzi ta' Spanja biex tilħaq l-oġettivi stabbiliti fl-Artikolu 21c(3) tar-Regolament (UE) 2021/241. B'mod partikolari, f'Ottubru 2022 il-gvern adotta pjan li jsaħħaħ is-sigurtà tal-enerġija ta' Spanja (il-"Plan Más Seguridad Energética") li jistabbilixxi 73 miżura miġbura f'sitt kategoriji: (a) l-iffrankar tal-enerġija; (b) it-tranżizzjoni tal-enerġija; (c) il-protezzjoni tal-konsumaturi vulnerabbli; (d) ir-rifużjonijiet tat-taxxa biex jiġu protetti l-konsumaturi tal-enerġija; (e) l-indipendenza enerġetika; u (f) is-solidarjetà ma' Stati Membri oħra. Il-miżuri fil-kapitolu dwar REPowerEU huma konsistenti wkoll mal-RRP inizjali peress li l-miżuri ta' REPowerEU jżidu b'mod partikolari l-ambizzjoni oriġinali tal-RRP fil-qasam tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli, tal-idroġenu rinnovabbli, tal-komunitajiet tal-enerġija u tal-ħżin.

Miżuri b'dimensjoni jew effett transfruntier jew multinazzjonali

- (86) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (db), u mal-Anness V, il-kriterju 2.13 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-miżuri inklużi fil-kapitolu REPowerEU huma mistennija fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) li jkollhom dimensjoni jew effett transfruntier jew multinazzjonali.
- (87) Il-Kapitolu dwar REPowerEU jikkontribwixxi biex titnaqqas id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili u biex titnaqqas id-domanda għall-enerġija. B'mod partikolari, il-maġġoranza tal-miżuri fil-kapitolu dwar REPowerEU jappoġġaw l-użu ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli, l-idroġenu rinnovabbli, l-infrastruttura tan-network tal-elettriku u l-industrija tad-dekarbonizzazzjoni.
- (88) L-investiment relatat mal-produzzjoni u l-użu tal-idroġenu rinnovabbli jinkludi proġetti b'dimensjoni jew effett multinazzjonali u transfruntier. Barra minn hekk, l-implimentazzjoni tal-investimenti li jappoġġaw l-awtokonsum, l-infrastruttura tat-trażmissjoni tal-elettriku u d-dekarbonizzazzjoni industrijali hija mistennija li tnaqqas id-dipendenza ta' Spanja fuq il-fjuwils fossili.
- (89) Il-kostijiet stmati tal-miżuri inklużi fil-Kapitolu dwar REPowerEU jirrappreżentaw madwar 85 % tal-kostijiet totali, li huwa ferm oġhla mill-mira minima ta' 30 % u għalhekk jiġġustifika li l-kapitolu jiġi kklassifikat bħala wieħed li mistenni li fil-biċċa l-kbira jkollu effett transfruntier.

## Il-kontribut għat-tranżizzjoni ekoloġika inkluża l-bijodiversità

- (90) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (e), u mal-Anness V, il-kriterju 2.5 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu dwar REPowerEU, fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità, jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġettivi klimatiċi jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 39,9 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP u 75 % tal-ispejjeż totali stmati tal-miżuri fil-kapitolu dwar REPowerEU kkalkulati f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241. F'konformità mal-Artikolu 17 ta' dak ir-Regolament, l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu dwar REPowerEU huwa konsistenti mal-informazzjoni inkluża fil-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima 2021-2030.
- (91) Fir-rigward tal-miżuri relatati mat-tranżizzjoni ekoloġika, l-RRP modifikat jikkonċerna biss il-bidliet fl-iskeda ta' żmien tal-istadji importanti u l-miri abbażi tal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241 u l-korrezzjoni tal-iżbalji klerikali. Barra minn hekk, dan jinkludi l-bidla ta' seba' miżuri abbażi tal-Artikolu 18(2) tar-Regolament (UE) 2021/241 biex jiġi rifless livell oġġla ta' ambizzjoni u 12-il miżura ġdida li jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni ekoloġika peress li jappoġġaw id-dekarbonizzazzjoni tal-industrija, l-użu tal-enerġija rinnovabbli u l-idroġenu, it-trasport sostenibbli, l-effiċjenza enerġetika, il-ġestjoni tal-ilma, l-ekonomija ċirkolari, l-adattament għat-tibdil fil-klima u t-turiżmu sostenibbli. Il-Kapitolu dwar REPowerEU jinkludi tmien miżuri li għandhom l-għan li jaċċelleraw l-użu ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli, isaħħu l-katina tal-valur għall-industrija b'emissjonijiet zero netti, jinvestu f'infrastruttura addizzjonali tan-network tal-elettriku, jiddekarbonizzaw l-industrija u jiffinanzjaw miżuri li jippermettu l-enerġija rinnovabbli. Miżuri ġodda ta' investiment li jappoġġaw il-katina tal-valur elettrika u dik konnessa u s-settur agroalimentari, permezz ta' self, huma mistennija li jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni ekoloġika ta' dawn il-ktajjen tal-valur.

- (92) Dawn il-miżuri relatati mat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità, fl-RRP modifikat u fil-kapitolu dwar REPowerEU qed ikomplu jkollhom impatt dejjiemi peress li l-miżuri għandhom l-għan li jagħmlu bidliet strutturali biex inaqqsu d-dipendenza ġenerali ta' Spanja fuq il-fjuwils fossili u biex iżidu l-iffrankar tal-enerġija billi jaqilbu għal teknoloġiji ekoloġiċi, b'mod partikolari dawk relatati mas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli, il-ħżin tal-enerġija, l-effiċjenza enerġetika u d-dekarbonizzazzjoni industrijali. B'riżultat ta' dan, jikkontribwixxu wkoll biex jintlaħqu l-miri għall-2030-2050 u l-oġettiv tan-newtralità klimatika tal-Unjoni sal-2050.

#### Il-kontribut għat-tranżizzjoni diġitali

- (93) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (f), u mal-Anness V, il-kriterju 2.6 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-bieċa l-kbira għat-tranżizzjoni diġitali jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġettivi diġitali jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 25,9 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP modifikat ikkalkulata f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VII tar-Regolament (UE) 2021/241.
- (94) Fir-rigward tal-miżuri li jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni diġitali, saru xi modifiki fit 30 miżura f'termini ta' miri finali abbażi tal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241. Lil hinn minn dawn il-modifiki, il-RRP modifikat jinkludi 16-il miżura ġdida li jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni diġitali.

- (95) L-RRP modifikat fih investimenti u riformi li huma mistennija li jkollhom impatt fit-tul fuq it-trasformazzjoni diġitali tas-setturi ekonomiċi u soċjali u li jikkontribwixxu b'mod sinifikanti biex jiġu indirizzati l-isfidi li jirriżultaw mit-tranżizzjoni diġitali, u dan l-impatt mistenni jkompli jissaħħa permezz tal-miżuri l-ġodda inklużi fl-RRP modifikat. B'mod partikolari, il-pjan modifikat jinkludi miżuri ġodda sinifikanti fil-qasam tat-teknoloġiji diġitali avvanzati b'investimenti fil-katina tal-valur kollha tal-mikroproċessuri avvanzati, mir-riċerka u l-iżvilupp sal-manifattura. Huwa mistenni li investimenti sinifikanti jappoġġaw ukoll l-espansjoni ta' negozji ġodda teknoloġiċi. Investimenti oħra huma mistennija li jappoġġaw lill-SMEs fl-iżvilupp ta' ambjent għal-Lingwa tal-Ipproċessar Naturali Spanjola bl-użu tax-xjenza tal-kompjuter u tat-teknoloġiji tal-Intelliġenza Artifiċjali. Investimenti oħra huma mistennija li jkomplu jsaħħu d-diġitalizzazzjoni tas-settur tal-ilma u tal-amministrazzjoni pubblika, inkluż b'investimenti fiċ-ċibersigurtà. Fl-aħħar nett, ġew allokati rżorsi oħra biex jiġu żviluppati aktar l-investimenti fil-qafas taċ-Ċentru Awdjoviżiv Spanjol.

#### Impatt dejjiemi

- (96) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (g), u mal-Anness V, il-kriterju 2.7 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu dwar REPowerEU huwa mistenni li fil-biċċa l-kbira jkollu impatt dejjiemi fuq Spanja (klassifikazzjoni A).
- (97) Il-valutazzjoni inizjali tal-RRP, f'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (g), u mal-Anness V, il-kriterju 2.7 tar-Regolament (UE) 2021/241, sabet li l-RRP kien mistenni li fil-biċċa l-kbira jkollu impatt fit-tul fuq Spanja (klassifikazzjoni A).

- (98) L- RRP modifikat ma jnaqqasx l-ambizzjoni tal-RRP inizjali kollu kemm hu. Dan iqis l-impatt fit-tul tal-kriżi tal-COVID-19, l-inflazzjoni u t-tfixkil fil-katina tal-provvista, kif ukoll xi diffikultajiet legali jew tekniċi mhux mistennija jew id-disponibbiltà ta' alternattivi aħjar għall-implimentazzjoni ta' xi miżuri billi jimmodifika l-miżuri f'konformità mal-Artikolu 21(2) tar-Regolament (UE) 2021/241. L-RRP modifikat jinkludi miżuri ġodda, iżid l-ambizzjoni tal-miżuri eżistenti bħala riżultat taż-żieda fil-kontribuzzjoni finanzjarja u tat-talba għal appoġġ fil-forma ta' self, u jinkludi kapitolu dwar REPowerEU. Dawn il-miżuri addizzjonali, minbarra l-miżuri eżistenti, huma mistennija li jkollhom effetti pożittivi dejjiema fuq l-ekonomija Spanjola u jkomplu jagħtu spinta lit-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali tagħha.
- (99) Riformi ġodda inklużi fl-RRP modifikat huma mistennija li jkollhom impatt fit-tul fuq Spanja, peress li ġew introdotti jew imsaħħa 16-il riforma biex isaħħu l-qafas tal-kompetizzjoni, jattiraw talent barrani u jiffaċilitaw id-dħul fil-pajjiż ta' ħaddiema migranti tas-sengħa, itejbu l-qafas regolatorju għas-settur finanzjarju, itejbu l-istandards tas-saħħa tal-annimali u tal-bniedem għat-trasport u l-użu sostenibbli tal-antibijotiċi fl-industrija tal-bhejjem, inaqqsu l-ħela tal-ikel, jippromwovu l-ekonomija ċirkolari, jiġġieldu d-deżertifikazzjoni, iżidu l-provvista u jiffaċilitaw l-aċċess għall-akkomodazzjoni, jiżviluppaw żoni b'emissjonijiet baxxi, itejbu l-effiċjenza enerġetika tan-network tat-toroq, jagħmlu operabbli ambjent ta' esperimentazzjoni regolatorja fil-qasam tat-trasport u l-mobbiltà, itejbu l-qafas regolatorju għall-protezzjoni tal-klijenti finanzjarji, jippromwovu t-trasparenza fil-qasam tal-attivitajiet tal-lobbying, irawmu finanzi pubbliċi sostenibbli u jaġġornaw il-qafas regolatorju għas-sigurtà diġitali. Barra minn hekk, il-Kapitolu dwar REPowerEU jinkludi riforma ġdida biex jiġu ssimplifikati l-proċeduri għall-ġħoti ta' permessi għall-proġetti tal-enerġija rinnovabbli.

- (100) Investimenti ġodda inklużi fl-RRP modifikat huma mistennija li jkollhom impatt fit-tul fuq Spanja billi jixprunaw l-investimenti privati b'14-il strument finanzjarju, inklużi investimenti li jappoġġaw it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali. Il-Kapitolu dwar REPowerEU jinkludi investimenti biex jiżdiedu l-miżuri eżistenti li jippromwovu l-idroġenu rinnovabbli, l-awtokonsum tal-enerġija rinnovabbli u tal-komunitajiet tal-enerġija, kif ukoll investimenti ġodda fil-katina tal-valur għall-enerġija rinnovabbli, fin-networks tal-elettriku u fid-dekarbonizzazzjoni tal-industrija.

#### Monitoraġġ u implimentazzjoni

- (101) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (h), u mal-Anness V, il-kriterju 2.8 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-arranġamenti proposti fl-RRP modifikat inkluż il-kapitolu dwar REPowerEU u l-miżuri addizzjonali f'din id-Deċiżjoni huma adegwati (klassifikazzjoni A) biex jiżguraw il-monitoraġġ u l-implimentazzjoni effettivi tal-RRP, inkluża l-iskeda ta' żmien prevista, l-istadji importanti u l-miri, u l-indikaturi relatati.

- (102) L-RRP modifikat jinkludi aġġornament tal-qafas ta' monitoraġġ u implimentazzjoni. L-ewwel nett, jinkludi deskrizzjoni tal-miżuri addizzjonali introdotti minn Spanja sa mill-approvazzjoni tal-RRP inizjali. Dawn il-miżuri kienu soġġetti għal stadji importanti fl-ewwel talba għal pagament u l-implimentazzjoni tagħhom ikkontribwiet għat-tisħiħ tal-istruttura tal-monitoraġġ u tal-implimentazzjoni. B'mod partikolari, l-arranġamenti nazzjonali kif stabbiliti fid-Digriet Amministrattiv Irjali 36/2020 tat-30 ta' Diċembru li japprova miżuri urġenti għall-modernizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika u l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Rikupru, Trasformazzjoni u Reżiljenza għadhom fis-seħħ. Barra minn hekk, Spanja approvat l-Ordni HFP/1031/2021 li tiddefinixxi l-proċeduri u l-format tal-informazzjoni li għandha tiġi kondiviża għall-monitoraġġ tal-RRP u għall-eżekuzzjoni kontabilistika tan-nefqa u stabbiliet is-Sistema ta' Informazzjoni Integrata tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ("Coffee") li tiffaċilita l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-RRP u l-ħolqien ta' dikjarazzjonijiet ta' ġestjoni, sommarji tal-awditjar u talbiet għal pagament. Il-Kummissjoni għamlet valutazzjoni preliminari pożittiva tal-istadji importanti li jikkonċernaw dawn il-miżuri fil-kuntest tal-ewwel talba għal pagament. It-tieni, l-RRP modifikat jinkludi wkoll estensjoni tal-qafas ta' monitoraġġ li jallinja ruħu mal-introduzzjoni ta' miżuri ġodda li jikkonsistu fl-istabbiliment ta' strumenti finanzjarji u l-istabbiliment ta' skemi ta' sussidju li jikkombinaw l-għotjiet ma' strumenti finanzjarji, Spanja se tiffirma Ftehim ta' Implimentazzjoni jew ekwivalenti mas-sieħeb ta' implimentazzjoni, jew tapprova qafas regolatorju, li jenħtieġ li jkun fih id-deskrizzjoni tas-sistemi ta' monitoraġġ tas-sieħeb ta' implimentazzjoni, u – fejn rilevanti – tal-intermedjarji finanzjarji, biex tirrapporta dwar l-investment mobilizzat. Dan ir-rekwiżit ma japplikax meta s-sieħeb ta' implimentazzjoni jew l-intermedjarju finanzjarju jkun il-Bank Ewropew tal-Investment (BEI), il-Fond Ewropew tal-Investment (FEI) jew il-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERŻ).

- (103) In-natura u l-firxa tal-modifiki proposti għall-RRP ta' Spanja m'għandhomx impatt fuq il-valutazzjoni oriġinali tal-monitoraġġ u l-implimentazzjoni effettivi tal-RRP. L-istruttura inkarigata mill-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u r-rapport tal-RRP issa hhet u l-arranġamenti ġenerali proposti minn Spanja f'termini ta' organizzazzjoni tal-implimentazzjoni tar-riformi u l-investimenti jibqgħu kredibbli. L-istadji importanti u l-miri li jakkumpanjaw il-miżuri addizzjonali jew modifikati, inklużi dawk fil-kapitolu dwar REPowerEU, huma ċari u l-indikaturi proposti għal dawn l-istadji importanti u l-miri huma rilevanti, aċċettabbli u robusti.

#### Spejjeż

- (104) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (i), u mal-Anness V, il-kriterju 2.9 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-ġustifikazzjoni mogħtija fl-RRP modifikat inkluż il-kapitolu dwar REPowerEU rigward l-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-RRP hija moderatament (klassifikazzjoni B) raġonevoli u plawżibbli, hija konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u hija proporzjonali għall-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.
- (105) Il-valutazzjoni tal-RRP oriġinali kienet li l-kost totali stmat tal-RRP kien moderatament (klassifikazzjoni B) raġonevoli u plawżibbli, huwa konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza, u kien proporzjonali għall-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.

- (106) Spanja pprovdi stimi tal-kostijiet individwali għall-investimenti u r-riformi modifikati u ġodda kollha b'kost assoċjat inkluż fl-RRP modifikat, filwaqt li bbażat ruħha fuq għadd ta' sorsi biex tiġġustifikahom. Dawn jinkludu sejħiet ta' interess immedja speċifikament għall-finijiet tal-RRP, kuntratti ta' akkwist li jirreferu għal servizzi simili jew investimenti tal-passat ta' natura simili, eżempji ta' investimenti simili mwettqa fi Stati Membri oħra, u data dwar il-ħtiġijiet ta' investiment u d-diskrepanzi fil-finanzjament tas-suq. B'riżultat ta' dan, l-istimi tal-kostijiet għall-biċċa l-kbira tal-miżuri fl-RRP huma meqjusa raġonevoli. Spanja użat l-opzjonijiet tal-kostijiet issimplifikati fir-rigward kemm tar-rati fissi kif ukoll tal-kostijiet unitarji.
- (107) L-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-RRP huwa konformi man-natura u mat-tip tar-riformi u l-investimenti previsti. B'riżultat ta' dan, l-istimi tal-kostijiet għall-biċċa l-kbira tal-miżuri fl-RRP huma meqjusa plawżibbli. Spanja pprovdiet biżżejjed informazzjoni u evidenza li l-ammont tal-kostijiet totali stmati mhuwiex kopert minn finanzjament tal-Unjoni eżistenti jew ippjanat. Fl-aħħar nett, il-kost totali stmat tal-RRP huwa konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u huwa proporzjonali għall-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.

## Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni

- (108) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (j), u mal-Anness V, il-kriterju 2.10, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-arranġamenti proposti fl-RRP modifikat inkluż il-kapitolu dwar REPowerEU u l-miżuri addizzjonali li jinsabu f'din id-Deċiżjoni huma adegwati (klassifikazzjoni A) sabiex jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu l-korruzzjoni, il-frodi u l-kunflitti ta' interess meta jużaw il-fondi pprovduti skont dak ir-Regolament, u l-arranġamenti huma mistennija li jevitaw b'mod effettiv il-finanzjament doppju skont dak ir-Regolament u programmi oħrajn tal-Unjoni. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' strumenti u għodod oħra għall-promozzjoni u l-infurzar tal-konformità mad-dritt tal-Unjoni, inkluż għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-korruzzjoni, il-frodi u l-kunflitti ta' interess, u għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup>.
- (109) Is-sistema ta' kontroll intern deskritta fl-RRP oriġinali kienet ibbażata fuq proċessi u strutturi robusti. Hija identifikat b'mod ċar l-atturi u r-rwoli u r-responsabbiltajiet tagħhom għat-twettiq tal-kompiti ta' kontroll intern. L-atturi responsabbli mill-kontrolli għandhom is-setgħa legali biex jeżerċitaw ir-rwoli u l-kompiti tagħhom, kif ukoll kapacià amministrattiva. B'kollox, is-sistema ta' kontroll u arranġamenti rilevanti oħra, inkluż għall-għbir u d-disponibbiltà tad-data dwar ir-riċevituri finali, tqiesu adegwati fir-rigward tar-rekwiżiti skont ir-Regolament (UE) 2021/241. Sabiex tlesti s-sistema ta' kontroll intern, Spanja kienet meħtieġa tiżviluppa sistema ta' informazzjoni integrata għall-implimentazzjoni u tapprova parti leġiżlattiva relatata qabel l-ewwel pagament regolari taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza stabbilita bir-Regolament (UE) 2021/241 (il-“Faċilità”).

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni (ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 1).

- (110) L-RRP modifikat jinkludi aġġornament tal-qafas tal-awditjar u tal-kontroll. L-ewwel nett, jinkludi deskrizzjoni tal-miżuri addizzjonali introdotti minn Spanja sa mill-approvazzjoni tal-RRP inizjali. Dawn il-miżuri kkontribwew għat-tisħiħ tal-qafas. B'mod partikolari, kif ikkonfermat mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-valutazzjoni preliminari tat-tielet talba għal pagament, Spanja tejbet il-għbir tad-data dwar is-sidien benefiċjarji ta' kumpaniji barranin li ma għandhom l-ebda prokura fi Spanja, kemm għal kuntratti diġà konklużi, kif ukoll għal kuntratti futuri u żviluppat għodda tal-IT għall-kejl tar-riskju addizzjonali msejħa Minerva għall-kontroll sistematiku u l-prevenzjoni tal-kunflitti ta' interess, bl-użu tad-data tas-sid benefiċjarju. It-tieni, l-RRP modifikat jinkludi wkoll estensjoni tal-qafas ta' kontroll u awditjar li jallinja ruħu mal-introduzzjoni ta' miżuri ġodda li jikkonsistu fl-istabbiliment ta' strumenti finanzjarji u l-istabbiliment ta' skemi ta' sussidju li jikkombinaw l-għotjiet ma' strumenti finanzjarji. F'konformità mal-modifika, Spanja se tiffirma ftehim ta' implimentazzjoni jew ftehim ekwivalenti mas-sieħeb ta' implimentazzjoni, jew tapprova qafas regolatorju, li jenħtieġ li jkun fih id-deskrizzjoni tas-sistemi tal-awditjar u tal-kontroll tas-sieħeb ta' implimentazzjoni, u – fejn rilevanti – tal-intermedjarji finanzjarji. Dawn ir-rekwiżiti tal-awditjar u tal-kontroll jenħtieġ li jiżguraw il-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni ta' frodi, ta' korruzzjoni u ta' kunflitti ta' interess, il-verifika tal-eliġibbiltà ta' kull operazzjoni qabel ma timpenja ruħha għall-finanzjament, u l-implimentazzjoni ta' awditi ex post ibbażati fuq ir-riskju f'konformità ma' pjan tal-awditjar. F'dawk il-każijiet fejn is-sieħeb ta' implimentazzjoni jew l-intermedjarju finanzjarju jkun il-BEI, il-FEI jew il-BERŻ, l-obbligu li jiġu deskritti s-sistemi tal-awditjar u tal-kontroll ma japplikax, iżda dawn il-korpi jenħtieġ li jkunu obbligati jipprovdu lill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti rapport tal-awditjar annwali mħejji mill-awdituri esterni tagħhom.

- (111) In-natura u l-firxa tal-modifiki proposti għall-RRP ta' Spanja m'għandhomx impatt fuq il-valutazzjoni oriġinali tal-monitoraġġ u l-implimentazzjoni effettivi tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza. Il-qafas eżistenti tal-awditjar u l-kontroll ġie msaħħaħ u huwa meqjus bħala adegwat u robust.

#### Koerenza tal-RRP

- (112) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (k), u mal-Anness V, il-kriterju 2.11 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu dwar REPowerEU jinkludi fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) miżuri għall-implimentazzjoni ta' riformi u proġetti ta' investiment pubbliku li jirrappreżentaw azzjonijiet koerenti.
- (113) L-RRP Spanjol oriġinali huwa strutturat madwar 30 komponenti koerenti, li jappoġġaw l-oġettivi komuni li jstimulaw l-irkupru tal-ekonomija Spanjola, li jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali u li jżidu r-reżiljenza ta' Spanja għal tkabbir sostenibbli u inklużiv. Kull komponent huwa mibni madwar pakketti konsistenti kemm ta' riformi kif ukoll ta' investimenti, b'miżuri li jsaħħu lil xulxin jew jikkumplimentaw lil xulxin. Jeżistu wkoll sinerġiji fid-diversi komponenti u l-ebda miżura ma tikkontradixxi jew timmina l-effettività tal-oħra.

- (114) Il-modifiki fl-RRP jikkonċernaw 28 tal-komponenti eżistenti u jinkludu komponent addizzjonali, il-kapitolu dwar REPowerEU. Il-modifiki li saru fil-kapitoli eżistenti ma jbiddux il-koerenza ġenerali tal-pjan, filwaqt li jitqies il-mod li bih il-komponenti jsaħħu lil xulxin u jikkomplementaw lil xulxin, b'mod partikolari dawk relatati mat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali u mal-kapitolu dwar REPowerEU li għadu kif ġie miżjud. L-istrumenti finanzjarji miżjuda ġodda u l-investimenti addizzjonali ffinanzjati bħala riżultat taż-żieda fil-kontribuzzjoni finanzjarja massima u tat-talba għal appoġġ fil-forma ta' self, kif ukoll il-kapitolu dwar REPowerEU, dawn jikkomplementaw il-miżuri eżistenti fl-RRP. Apparti dawn l-investimenti ġodda u l-investimenti li l-ambizzjoni tagħhom żdiedet, ir-riformi l-ġodda miżjuda jsaħħu lil xulxin u jikkomplementaw lil xulxin.

#### Proċess ta' konsultazzjoni

- (115) L-RRP ta' Spanja jinkludi sommarju tal-proċess ta' konsultazzjoni mwettaq għat-tħejjija u l-implimentazzjoni tiegħu. Fit-tħejjija tal-RRP, Spanja wettqet konsultazzjonijiet immirati dwar l-intenzjonijiet wiesgħa rigward il-modifiki tal-RRP, inkluż il-kapitolu dwar REPowerEU, mas-sħab soċjali, mal-partijiet ikkonċernati, mal-awtoritajiet reġjonali u lokali u ma' gruppi politiċi oħra. Fis-sottomissjoni tagħha, Spanja pprovdiet dettalji dwar il-partijiet ikkonċernati kkonsultati, spjegat l-eżitu ta' din il-konsultazzjoni komplementari mmirata u ddeskriviet kif il-kontribut riċevut mill-partijiet ikkonċernati ġie rifless inizjalment, inkluż għall-miżuri fil-kapitolu dwar REPowerEU.

- (116) Sabiex tiġi żgurata s-sjieda mill-atturi rilevanti, huwa kruċjali li jiġu involuti l-awtoritajiet lokali u l-partijiet ikkonċernati kollha, inkluż is-sħab soċjali, matul l-implimentazzjoni tal-investimenti u r-riformi inklużi fl-RRP modifikat, inkluż il-kapitolu dwar REPowerEU tiegħu. L-iżgurar ta' sjieda usa' għall-implimentazzjoni tal-RRP għandu jikkontribwixxi biex jissaħħu l-effettività tiegħu u l-impatt fit-tul mistenni. Għall-implimentazzjoni tal-pjan, Spanja waqqfet Konferenza Settorjali għall-Irkupru, it-Trasformazzjoni u r-Reżiljenza biex tikkordina r-reġjuni, l-entitajiet lokali u l-gvern ċentrali. Barra minn hekk, konferenzi settorjali eżistenti f'diversi oqsma ta' politika jenħtieġ li jappoġġaw l-implimentazzjoni fir-rigward ta' miżuri speċifiċi fil-qasam ta' kompetenza tagħhom. Barra minn hekk, il-miżuri ta' riforma stabbiliti fl-RRP modifikat, inkluż il-kapitolu dwar REPowerEU, jistgħu jkunu soġġetti għall-proċess ta' konsultazzjoni li, f'konformità mal-qafas legali nazzjonali, jippreċedi l-adozzjoni ta' miżuri leġislattivi fi Spanja.

#### Valutazzjoni pożittiva

- (117) Wara l-valutazzjoni pożittiva tal-Kummissjoni dwar l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu dwar REPowerEU, bil-konklużjoni li l-RRP jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) u mal-Anness V ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-riformi u l-proġetti ta' investiment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP modifikat inkluż il-kapitolu dwar REPowerEU, l-istadji importanti, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u l-ammont magħmul disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-RRP modifikat inkluż il-kapitolu dwar REPowerEU fil-forma ta' appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli u fil-forma ta' self.

## Kontribuzzjoni finanzjarja

- (118) Il-kostijiet totali stmati tal-RRP modifikat inkluż il-kapitolu dwar REPowerEU ta' Spanja huma ta' EUR 163 029 653 473. Peress li l-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-RRP modifikat huwa ogħla mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata disponibbli għal Spanja, il-kontribuzzjoni finanzjarja kkalkulata f'konformità mal-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2021/241 allokata għall-RRP modifikat ta' Spanja, inkluż il-kapitolu dwar REPowerEU, jenħtieġ li tkun ugwali għall-ammont totali tal-kontribuzzjoni finanzjarja disponibbli għall-RRP modifikat ta' Spanja inkluż il-kapitolu dwar REPowerEU. Dan l-ammont huwa ta' EUR 77 213 906 801, b'EUR 2 576 417 190 biex jiġu appoġġati r-riformi u l-investimenti fil-kapitolu dwar REPowerEU u EUR 74 637 489 611 biex jiġu appoġġati riformi u investimenti oħra fl-RRP.
- (119) Skont l-Artikolu 21a(5) tar-Regolament (UE) 2021/241, fis-6 ta' Ġunju 2023 Spanja ppreżentat talba għall-allokazzjoni tad-dħul imsemmi fl-Artikolu 21a(1) ta' dak ir-Regolament, kondiviż bejn l-Istati Membri abbażi tal-indikaturi stabbiliti fil-metodoloġija msemmija fl-Anness IVa tar-Regolament (UE) 2021/241. Il-kostijiet totali stmati tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 21c(3), il-punti minn (b) sa (f), tar-Regolament (UE) 2021/241 inklużi fil-kapitolu dwar REPowerEU huma ta' EUR 6 916 693 413. Peress li dan l-ammont huwa ogħla mis-sehem tal-allokazzjoni disponibbli għal Spanja, jenħtieġ li l-appoġġ finanzjarju addizzjonali mhux ripagabbli disponibbli għal Spanja jkun daqs is-sehem tal-allokazzjoni. Dan l-ammont huwa ta' EUR 2 582 276 223.

- (120) Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 4a tar-Regolament (UE) 2021/1755<sup>1</sup>, fl-1 ta' Marzu 2023 Spanja ppreżentat talba motivata biex tittrasferixxi parti mill-allokazzjoni proviżorja tagħha li fadal mir-riżorsi tar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit lill-Faċilità, li tammonta għal EUR 58 000 000. Dak l-ammont jenħtieġ li jsir disponibbli biex jappoġġa r-riformi u l-investimenti fil-kapitolu dwar REPowerEU bħala appoġġ finanzjarju addizzjonali mhux ripagabbli.
- (121) Il-kontribuzzjoni finanzjarja totali disponibbli għal Spanja jenħtieġ li tkun EUR 79 854 183 024.

#### Self

- (122) Barra minn hekk, sabiex tappoġġa r-riformi u l-investimenti addizzjonali, Spanja talbet appoġġ totali fil-forma ta' self ta' EUR 83 160 060 000, b'mod partikolari, EUR 1 700 000 000 biex tappoġġa r-riformi u l-investimenti fil-kapitolu dwar REPowerEU u EUR 81 475 050 000 biex tappoġġa r-riformi u l-investimenti l-oħra fl-RRP. L-ammont tal-istima tal-kostijiet totali tal-RRP huwa ogħla mill-kontribuzzjoni finanzjarja kkombinata disponibbli għal Spanja, inkluż il-kapitolu dwar REPowerEU u l-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli, id-dħul mis-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>2</sup>, u r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit. Il-volum massimu tas-self mitlub minn Spanja huwa inqas minn 6,8 % tal-introjtu nazzjonali gross tal-2019 tagħha fi prezzijiet attwali.

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2021 li jstabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (ĠU L 357 8.10.2021, p. 1).

<sup>2</sup> Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet tal-gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32)

## Il-prefinanzjament ta' REPowerEU

- (123) Spanja talbet il-finanzjament li ġej għall-implimentazzjoni tal-kapitolu dwar REPowerEU tagħha: EUR 2 576 417 190 fil-forma ta' kontribuzzjoni finanzjarja kkalkulata f'konformità mal-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2021/241, it-trasferiment ta' EUR 58 000 000 mill-allokazzjoni proviżorja mir-riżorsi tar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit, u EUR 2 582 276 223 mid-dħul mill-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet skont id-Direttiva 2003/87/KE, u EUR 1 700 000 000 fil-forma ta' self.
- (124) Għal dawk l-ammonti, skont l-Artikolu 21d tar-Regolament (UE) 2021/241, fil-11 ta' Settembru 2023 Spanja talbet prefinanzjament ta' 20 % tal-finanzjament mitlub. Soġġett għar-riżorsi disponibbli, jenħtieġ li dak il-prefinanzjament jitqiegħed għad-dispożizzjoni ta' Spanja soġġett għad-dħul fis-seħħ tal-ftehimiet li għandhom jiġu konklużi bejn il-Kummissjoni u Spanja skont l-Artikolu 23(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 u skont l-Artikolu 15(2) ta' dan ir-Regolament (il-"ftehim ta' self"), u f'konformità miegħu.
- (125) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-irkupru u r-reżiljenza għal Spanja jenħtieġ li tiġi emendata skont dan. Għal raġunijiet ta' ċarezza, jenħtieġ li l-Anness ta' din id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni jiġi sostitwit kompletament,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-irkupru u r-reżiljenza għal Spanja hija emendata kif ġej:

- (1) L-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

#### *"Artikolu 1*

#### *Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP*

Il-valutazzjoni tal-RRP modifikat ta' Spanja fuq il-bażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata. Ir-riformi u l-proġetti ta' investiment skont l-RRP, l-arranġamenti u l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-RRP, inkluż l-istadji importanti u l-miri rilevanti u l-istadji importanti u l-miri addizzjonali relatati mal-pagament tas-self, l-indikaturi rilevanti marbuta mal-issodisfar tal-istadji importanti u l-miri previsti, u l-arranġamenti biex il-Kummissjoni tagħti aċċess sħiħ għad-data rilevanti sottostanti huma stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.";

(2) fl-Artikolu 2, il-paragrafi 1 u 2 jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"1. L-Unjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni ta' Spanja kontribuzzjoni finanzjarja fil-forma ta' appoġġ li ma jiġihallax lura li jammonta għal EUR 79 854 183 024\*. Din il-kontribuzzjoni tinkludi:

- (a) ammont ta' EUR 46 592 869 727 li għandu jkun disponibbli biex jiġi impenjat legalment sal-31 ta' Diċembru 2022;
- (b) ammont ta' EUR 30 621 037 074 li għandu jkun disponibbli biex jiġi impenjat legalment mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2023;
- (c) ammont ta' EUR 2 582 276 223\*\*, f'konformità mal-Artikolu 21a(6) tar-Regolament (UE) 2021/241, esklużivament għall-miżuri msemija fl-Artikolu 21c(3) ta' dak ir-Regolament, bl-eċċezzjoni tal-miżuri kif imsemija fl-Artikolu 21c(3), il-punt (a), ta' dak ir-Regolament;
- (d) ammont ta' EUR 58 000 000, ittrasferit mir-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit għall-Faċilità.

2. Il-Kummissjoni għandha tagħmel il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni disponibbli għal Spanja f'pagamenti parzjali f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni. L-ammont ta' EUR 9 036 636 649 għandu jkun disponibbli bħala prefinanzjament f'konformità mal-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2021/241.

L-ammont ta' EUR 1 043 338 683 għandu jkun disponibbli bħala prefinanzjament f'konformità mal-Artikolu 21d tar-Regolament (UE) 2021/241. Dak il-prefinanzjament jista' jiġi żborżat mill-Kummissjoni f'massimu ta' żewġ pagamenti.

Il-Kummissjoni tista' tiżborża l-prefinanzjament u l-pagamenti parzjali f'porzjon wieħed jew f'diversi porzjonijiet. Id-daqs tal-porzjonijiet għandu jkun soġġett għad-disponibbiltà tal-finanzjament.

---

\* Dan l-ammont jikkorrispondi għall-allokazzjoni finanzjarja wara li jitnaqqas is-sehem proporzjonali ta' Spanja tal-ispejjeż imsemmija fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, ikkalkulat skont il-metodoloġija stabbilita fl-Artikolu 11 ta' dak ir-Regolament.

\*\* Dan l-ammont jikkorrispondi għall-allokazzjoni finanzjarja wara li jitnaqqas is-sehem proporzjonali ta' Spanja tal-ispejjeż imsemmija fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, ikkalkulat skont il-metodoloġija stabbilita fl-Artikolu 11 ta' dak ir-Regolament.”;

(3) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

*"Artikolu 2a*

*Appoġġ fil-forma ta' self*

1. L-Unjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni ta' Spanja self li jammonta għal massimu ta' EUR 83 160 060 000.

2. Il-Kummissjoni għandha tagħmel l-appoġġ fil-forma ta' self imsemmi fil-paragrafu 1 disponibbli għal Spanja f'pagamenti parzjali f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni. L-ammont ta' EUR 340 000 000 għandu jkun disponibbli bħala prefinanzjament f'konformità mal-Artikolu 21d tar-Regolament (UE) 2021/241. Dak il-prefinanzjament jista' jiġi żborżat mill-Kummissjoni f'massimu ta' żewġ pagamenti.

Il-Kummissjoni tista' tiżborża l-prefinanzjament u l-pagamenti parzjali f'porzjon wieħed jew f'diversi porzjonijiet. Id-daqs tal-porzjonijiet għandu jkun soġġett għad-disponibbiltà tal-finanzjament.

3. Il-prefinanzjament imsemmi fil-paragrafu 2 għandu jiġi rilaxxat soġġett għad-dħul fis-seħħ u f'konformità mal-ftehim ta' self. Il-prefinanzjament għandu jitħallas billi jitnaqqas proporzjonalment mill-ħlas tal-pagamenti parzjali.
4. Ir-rilaxx tal-pagamenti parzjali f'konformità mal-ftehim ta' self għandu jsir bil-kundizzjoni li l-finanzjament jkun disponibbli, u b'deċiżjoni tal-Kummissjoni, meħuda f'konformità mal-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2021/241, li Spanja tkun laħqet b'mod sodisfaċenti l-istadji importanti u l-miri addizzjonali koperti bis-self u identifikati fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-RRP modifikat, inkluż il-kapitolu dwar REPowerEU. Sabiex tkun eliġibbli għall-pagament, Spanja għandha tlesti l-istadji importanti u l-miri addizzjonali sa mhux aktar tard mill-31 ta' Awwissu 2026.";

- (4) l-Anness huwa sostitwit bit-test tal-Anness ta' din id-Deċiżjoni

*Artikolu 2*  
*Destinatarju*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju ta' Spanja.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*

---